

Il-komunitajiet tal-enerġija

Il-potenzjal għad irid jintlaħaq



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01–16 | **Messaġġi prinċipali** 01

01–05 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

06–16 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

17–86 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

17–41 | **L-objettiv tal-UE jstabilixxi ambizzjoni, iżda l-objettiv innifsu mhuwiex imfassal sew, ma għandux appoġġ u monitoraġġ, u x'aktarx ma jintlaħaqx**

17–23 | Id-definizzjonijiet tal-UE għall-komunitajiet tal-enerġija jwasslu għal konfużjoni u użu inkonsistenti f'nofs il-pajjiżi li awditjajna

24–27 | Il-kontribut mistenni mill-komunitajiet tal-enerġija għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ġie stmat b'mod eċċessiv

28–34 | L-objettiv tal-UE jstabilixxi ambizzjoni, iżda mhuwiex rilevanti, ma jistax jitkejjel u ma għandux approvazzjoni nazzjonali

35–41 | Il-monitoraġġ mhuwiex komplut, u l-objettiv tal-UE għall-2025 x'aktarx li ma jintlaħaqx

42–86 | **L-Istati Membri li awditjajna ma stabbilewx il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija**

42–45 | It-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE mhijiex kompluta

46–49 | Nofs l-Istati Membri li awditjajna taw rendikont dwar il-valutazzjoni nazzjonali obbligatorja tal-ostakli

50–57 | Teżisti gwida, iżda spiss l-applikazzjoni tagħha mhijiex faċli mingħajr għajnuna esperta

58–66 | Għad hemm lakuni fl-involviment taċ-ċittadini u l-inklużjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli

- 67–76 | Il-komunitajiet tal-enerġija, bħala produtturi tal-enerġija rinnovabbli, jiffaċċaw dewmien twil biex jaqbd u mal-grilja
- 77–86 | L-inċentivi finanzjarji għall-komunitajiet tal-enerġija jippermettu li jsiru rkupri tal-kost li huma allinjati mal-ambizzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari

Annessi

Anness I — Dwar l-adwitu

Anness II — Komunitajiet tal-enerġija li saritilhom żjara

Anness III — Risposti tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar


Messaġġi prinċipali

Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** L-enerġija rinnovabbli għandha rwol ewlieni fl-istrateġija għal żmien twil tal-UE biex tkun newtrali għall-klima sal-2050, u fil-ksib tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE. L-UE stabbiliet **mira** għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' minn tal-inqas 42.5 % sal-2030 (żieda minn 25.4 % fl-2024). Il-Kummissjoni **stmat** li nofs iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jipproduċu sa 50 % tal-enerġija rinnovabbli tal-UE sal-2050¹.
- 02** Il-komunitajiet tal-enerġija huma entitajiet legali li **jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, lin-negozji ż-żgħar u lill-awtoritajiet lokali biex jipproduċu, jimmaniġġjaw, jikkondividu u jikkunsmaw l-enerġija tagħhom stess** (ara l-**Figura 1**). Il-Kummissjoni introduċiet **definizzjonijiet legali tal-UE għall-komunitajiet tal-enerġija** fid-**Direttiva (UE) 2018/2001** dwar l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED II) u d-**Direttiva (UE) 2019/944** dwar is-suq intern għall-elettriku (IMED). Fl-**Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari tal-2022**, il-Kummissjoni stabbiliet objettiv politiku (f'dan ir-rapport imsejjaħ l-“objettiv tal-UE”): L-UE u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu **mill-inqas komunità tal-enerġija waħda bbażata fuq sorsi rinnovabbli f'kull muniċipalitè b'popolazzjoni akbar minn 10 000 sal-2025**. Fil-**Valutazzjoni tal-Impatt tar-RED II fl-2016**, il-Kummissjoni ddikjarat li, fl-UE, *sal-2030, aktar minn 50 GW ta' enerġija eolika u aktar minn 50 GW ta' enerġija solari jistgħu jkunu proprjetà ta' komunitajiet tal-enerġija, jiġifieri 17 % u 21 % rispettivament tal-kapaċità installata.*

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *In focus: Employment in EU's renewable energy sector*, is-16 ta' Mejju 2022, aċċessat fit-2 ta' Settembru 2025.


Figura 1 | X'inhi komunità tal-enerġija?



Sors: il-QEA.

03 Skont il-Kummissjoni, il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħibu diversi benefiċċji (ara l-**Figura 2**).

Figura 2 | Benefiċċji mistennija mill-komunitajiet tal-enerġija



Sors: il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA), abbażi tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni.

04 Aħna wettaqna dan l-awditu minħabba l-potenzjal tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li huma proprjetà tal-komunità li **jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija; il-ħtieġa li ċ-ċittadini jġu involuti** f'din it-tranżizzjoni, u biex it-tranżizzjoni tkun **għall-but ta' kulħadd**. Dan sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-Unjoni tal-Enerġija. Nistennew li xogħolna jappoġġa l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija fl-UE billi: jippreżenta l-isfidi prinċipali li jiffaċċjaw, jantiċipa rimedji potenzjali, u jikkontribwixxi għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini li jmiss.

05 Ivalutajna jekk il-Kummissjoni u erba' Stati Membri (in-**Netherlands**, il-**Polonja**, l-**Italja** u r-**Rumanija**) laħqux l-oġġettiv tal-UE u kinux **involwew b'mod effettiv lill-komunitajiet tal-enerġija** biex iwasslu l-benefiċċji mistennija tagħhom. B'mod speċifiku, ivverifikajna jekk il-Kummissjoni kinitx stabbiliet **oġġettivi tal-UE** mfassla tajjeb, approvati mill-Istati Membri, li ġew immonitorjati b'mod adegwat u li kienu fit-triq it-tajba biex jintlaħqu. Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux stabbilew il-**kundizzjonijiet it-tajba** ħalli l-komunitajiet jirnexxu. Ara l-**Anness I** għal aktar dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar tagħna, u l-**Anness II** għall-komunitajiet li żorna.

X'sibna u x'nirrakkomandaw

- 06** Nikkonkludu li l-UE x'aktarx mhijjex se jkollha tal-inqas komunità tal-enerġija waħda bbażata fuq sorsi rinnovabbli f'kull muniċipalità b'aktar minn 10 000 abitant sal-2025. Dan għaliex kienet laħqet biss 27 % tal-objettiv tagħha sa Jannar 2025. Dan l-objettiv: jistabbilixxi ambizzjoni iżda ma jkoprix il-benefiċċji mistennija tal-komunitajiet tal-enerġija, ma għandux l-approvazzjoni formali tal-Istati Membri, u mhuwiex immonitorjat bis-sħiħ. Anke meta jitqies l-eżempju t-tajjeb, fost l-Istati Membri li għażilna, b'kooperattivi tal-enerġija żviluppatti sew, stmajna wkoll li l-komunitajiet tal-enerġija jista' jkollhom 4 % tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija solari u eolika sal-2030, jiġifieri 21 % u 17 % inqas minn dawk iddikjarati mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tar-RED II. Barra minn hekk, il-gvernijiet ma ħolqux il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-komunitajiet. Dan għaliex b'mod partikolari ma indirizzawx aspetti regolatorji li kienu għadhom ma ssolvewx, u minħabba dewmien fil-konnessjonijiet mal-grilja. Dan spiss jiġi kkaġunat mill-konġestjoni tal-grilja fl-eqqel ħinijiet, u l-ħżin tal-enerġija jista' jipprovdi soluzzjonijiet għalih. L-awtoritajiet nazzjonali pprovdewlna r-reazzjonijiet tagħhom għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet (ara l-[Anness III](#)).

L-objettiv tal-UE jistabbilixxi ambizzjoni, iżda mhuwiex imfassal sew, ma għandux appoġġ u monitoraġġ, u x'aktarx ma jintlaħaqx

- 07** Sibna li d-definizzjonijiet tal-UE għal komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini mhumiex ċari. Għalkemm il-Kummissjoni ħarġet gwida biex tiċċara dawn id-definizzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati ġibdu l-attenzjoni lejn l-ambigwiżità tagħhom u l-konfużjoni li rriżultat minnhom. Mill-erba' gvernijiet li awditjajna, tnejn jużaw kunċetti ta' komunitajiet tal-enerġija li mhumiex allinjati mad-definizzjonijiet tal-UE. L-analiżi li wettaqna wriet ukoll li permezz ta' diversi għażliet legali, iċ-ċittadini jistgħu jibnu u joperaw, b'mod kollettiv, installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, jikkondividu l-enerġija prodotta, jew ibigħu l-elettriku żejjed, iżda l-Kummissjoni ma ħarġitx gwida li tiċċara dawn l-għażliet. Dan in-nuqqas ta' ċarezza huwa partikolarment rilevanti għall-binjiet tal-appartamenti, li fl-2023 kienu jospitaw 48 % tal-popolazzjoni tal-UE, speċjalment jekk l-assoċjazzjonijiet tas-sidien li diġà jeżistu, li ġew stabbiliti għall-ġestjoni tal-bini, ma jistgħux jintużaw b'ħala mezz sempliċi biex jinħolqu komunitajiet tal-enerġija (ara l-paragrafi [17–23](#)).



Rakkomandazzjoni 1

Tiċċara l-aċċess għall-produzzjoni, il-kondiviżjoni u l-bejgħ tal-enerġija rinnovabbli fl-appartamenti

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tippubblika gwida u l-aħjar prattiki dwar modi legali biex jiġu involuti sidien ta' appartamenti, direttament jew permezz ta' assoċjazzjonijiet tas-sidien, fil-produzzjoni, fil-kondiviżjoni u fil-bejgħ tal-enerġija rinnovabbli.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

- 08** Aħna nikkonkludu li l-aspettattivi mill-[Valutazzjoni tal-Impatt tar-RED II li twettqet mill-Kummissjoni fl-2016](#) kienu ottimisti żżejjed. Tbassir aġġornat għan-**Netherlands**, fejn il-kooperattivi tal-enerġija diġà huma żviluppati sew, jissuġġerixxi li dawn jistgħu jkunu s-sidien ta' madwar 4 % tat-tnejn sal-2030. Dan meta mqabbel mal-aspettattivi mill-2016 li l-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jkunu s-sidien ta' 21 % tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija solari u 17 % tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija eolika sal-2030 (ara l-paragrafi [24–27](#)).
- 09** Għalkemm il-Kummissjoni bbażat l-objettiv għall-komunitajiet tal-enerġija fuq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, ma sibna l-ebda ġustifikazzjoni dwar kif dan l-objettiv ġie ddeterminat. Barra minn hekk, għalkemm l-objettiv jistabbilixxi ambizzjoni u huwa speċifiku u marbut biż-żmien, huwa diffiċli biex jitkejjel u mhux rilevanti (eż. il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-għadd ta' ċittadini involuti mhumiex koperti). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma analizzatx jekk din setgħetx tinkiseb. Nofs l-Istati Membri li awditjajna (**l-Italja** u **l-Polonja**) inkludew miri dwar il-komunità tal-enerġija fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima, iżda dawn ma kinux allinjati bis-sħiħ ma' dawk tal-UE. Il-Kummissjoni ma rrakkomandatx bidliet, minħabba li taħt id-[dritt tal-UE](#) id-definizzjoni ta' objettivi nazzjonali mhijiex obligatorja. Il-fatt li l-pjanijiet tal-Istati Membri ma jirriflettux l-objettiv tal-UE jindika livell baxx ta' sjieda nazzjonali, u jikkontribwixxi għar-riskju li l-UE jaf ma tilħaqx l-objettiv tagħha (ara l-paragrafi [28–34](#)).



Rakkomandazzjoni 2

Tfassal objettivi SMART għall-komunitajiet tal-enerġija u tirriflettihom fil-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima

- (a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, **abbażi ta' ġustifikazzjoni xierqa**, tfassal **objettivi SMART** marbuta mal-benefiċċji mistennija mill-komunitajiet tal-enerġija, bħal pereżempju li jkopru l-għadd ta' ċittadini involuti jew il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-komunitajiet tal-enerġija.
- (b) Fir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li ttipproponi obbligu **li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima jinkludu objettivi tal-komunitajiet tal-enerġija** li huma allinjati mal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti tal-UE.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2027

10 Fl-2024, il-Kummissjoni traċċat l-għadd ta' komunitajiet tal-enerġija bl-użu ta' inventarju li ġie kkompilat fuq bażi *ad hoc* minn konsulenti. Madankollu, din id-*data* ma tinkisibx minn reġistri nazzjonali affidabbli u konsistenti tal-komunitajiet tal-enerġija. Il-Kummissjoni pprovdiet xi gwida lill-Istati Membri dwar ir-reġistrazzjoni tal-komunitajiet, iżda din il-gwida ma kinitx iffukata biżżejjed fuq l-elementi ewlenin li huma meħtieġa għall-monitoraġġ fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma mmonitorjaw jew irrappurtaw progress meta mqabbel mal-objettiv tal-UE. Sal-bidu tal-2025, nistmaw li l-UE kienet laħqet madwar 27 % tal-objettiv tagħha, u b'hekk x'aktarx li mhuwiex se jintlaħaq fl-2025. Madankollu, it-tkabbir rapidu tal-komunitajiet li seħħ fl-**Italja** u fil-**Polonja** bejn Jannar – Ġunju 2025 joffri prospettiva ottimista (ara l-paragrafi **35–41**).



Rakkomandazzjoni 3

Ittejjeb ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-komunitajiet tal-enerġija

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika gwida għall-Istati Membri dwar kif jirreġistraw u jimmonitorjaw il-komunitajiet tal-enerġija.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

L-Istati Membri li awditjajna ma stabbilewx il-kundizzjonijiet kollha li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija

- 11** 4 snin wara l-iskadenzi għat-traspożizzjoni, mill-erba' Stati Membri li awditjajna, l-**Italja** biss kienet uriet li ttrasponiet l-artikoli kollha dwar il-komunitajiet tal-enerġija taż-żewġ direttivi. Il-Kummissjoni wettqet il-verifiki tat-traspożizzjoni meħtieġa u tat segwitu lill-każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni billi ħarġet ittri ta' intimazzjoni u opinjonijiet motivati. Madankollu, hija ma rreferietx il-każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni li kien għad fadal lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ara l-paragrafi [42–45](#)).
- 12** Il-**Polonja** u n-**Netherlands** biss ippublikaw il-valutazzjoni nazzjonali li hija obligatorja taħt RED II, tal-ostakli għal komunitajiet tal-enerġija u l-potenzjal għal komunitajiet tal-enerġija. Mingħajr valutazzjonijiet ta' dan it-tip, l-azzjoni nazzjonali u l-azzjoni tal-UE turriskja li tkun ineffettiva u ddewwem it-tkabbir tal-komunitajiet (ara l-paragrafi [46–49](#)).



Rakkomandazzjoni 4

Għoti ta' rendikont dwar il-valutazzjoni tal-ostakli għal komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-potenzjal biex dawn jiġu żviluppati

Jenħtieġ li l-Ministeru Taljan għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija, u l-Ministeru Rumen għall-Enerġija **jivvalutaw u jirrappurtaw dwar l-ostakli li diġà jeżistu għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-potenzjal biex jiġu żviluppati.**

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Lulju 2027

- 13** B'mod ġenerali l-gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri kienet effettiva. Fil-livell nazzjonali, l-appoġġ għal-komunitajiet huwa strutturat, prattiku u faċilment aċċessibbli fin-**Netherlands**. Fil-**Polonja**, l-**Italja** u r-**Rumanija**, l-informazzjoni hija aktar frammentata jew diffiċli tiġi applikata mingħajr għajnuna esperta, u b'hekk jinħolqu ostakli għall-komunitajiet (ara l-paragrafi [50–57](#)).

14 L-ebda wieħed mill-Istati Membri li awditjajna ma kien adotta dispożizzjonijiet legali speċifiċi biex jippromwovi b'mod attiv il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini fil-komunitajiet tal-enerġija. Fir-rigward tal-appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, ir-**Rumanija** biss stabbiliet leġiżlazzjoni ddedikata. Madankollu, in-**Netherlands** żviluppaw inċentivi biex jipproteġu r-rwol taċ-ċittadini u l-**Italja** għamlet dan għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida speċifika dwar l-involviment taċ-ċittadini. Ipprovdiet ukoll gwida dwar l-involviment ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, iżda minn dakinhar 'il hawn, din il-gwida ma ġietx aġġornata, u l-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom ma kinux jafu biha (il-paragrafi [58–66](#)).



Rakkomandazzjoni 5

Promozzjoni tar-rwol taċ-ċittadini u tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli

- (a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna u tqassam gwida dwar l-**kif jiġu involuti unitajiet domestiċi vulnerabbli** f'komunitajiet tal-enerġija u dwar l-**iżvilupp ta' inċentivi** ħalli l-komunitajiet tal-enerġija jagħmlu dan.
- (b) Jenħtieġ li l-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent, il-Ministeru Taljan għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija, u l-Ministeru Rumun għall-Enerġija jfasslu dispożizzjonijiet biex **jippromwovu r-rwol taċ-ċittadini** fil-komunitajiet tal-enerġija.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026

15 Aħna sibna li d-dewmien u r-rifjuti għal konnessjonijiet mal-grilja minħabba l-konġestjoni tal-grilja jnaqqsu r-ritmu tal-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija fin-**Netherlands** u fil-**Polonja**. L-operaturi tal-grilja jistgħu jħaffu dawn il-konnessjonijiet jekk il-komunitajiet tal-enerġija jipprovdu servizzi ta' flessibbiltà bħall-ħżin tal-enerġija, li jistgħu jgħinu biex jitneħħew l-ogħla livelli fil-konsum jew fil-produzzjoni. Dan ikun jippermetti lill-komunitajiet tal-enerġija jikkunsmaw aktar elettriku prodott lokalment u b'hekk itaffu l-konġestjoni tal-grilja. Il-Kummissjoni ħadet diversi passi biex tappoġġa l-ħżin tal-enerġija, iżda mhux speċifikament għall-komunitajiet tal-enerġija (ara l-paragrafi [67–76](#)).



Rakkomandazzjoni 6

Appoġġ għall-ħżin tal-enerġija

- (a) Fil-pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini li jmiss tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jinċentivaw lill-komunitajiet tal-enerġija ħalli **jiżviluppaw soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija**.
- (b) Jenħtieġ li l-Ministeru Netherlandiż għall-Klima u t-Tkabbir Ekoloġiku u l-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent: **jipprovdu incettivi għall-komunitajiet tal-enerġija biex jiżviluppaw il-ħżin tal-enerġija** (waħedhom jew flimkien mal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli) jew **servizzi ta' flessibilità** oħra sabiex jgħinu biex titnaqqas il-konġestjoni tal-grilja.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: (a) Diċembru 2026, u (b) Lulju 2027

16 L-appoġġ pubbliku fin-**Netherlands**, fil-**Polonja** u fl-**Italja** jippermetti rkupri tal-kost li huma allinjati mal-aspettattivi tal-Kummissjoni (inqas minn 10 snin). Aħna sibna li l-fond rotanti Netherlandiż għat-tnaqqis tar-riskji tal-proġetti fi stadju bikri huwa mod effettiv ta' kif jintużaw il-fondi pubbliċi. Fir-**Rumanija**, in-nuqqas ta' sussidji jimmina l-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija. Fl-erba' Stati Membri kollha li awditjajna, il-membri tal-komunità ma jħallsux it-tariffi tan-network korrispondenti meta jikkunsmaw l-elettriku li jipproduċu jew li jikkondividu, iżda jibqgħu konnessi mal-grilja biex ikopru perjodi meta l-awtoġenerazzjoni ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx disponibbli. Madankollu, l-ebda wieħed mill-pajjiżi li awditjajna ma vvaluta formalment kif it-tariffi mnaqqsa, l-awtokonsum, u l-kondiviżjoni tal-enerġija jaffettwaw konsumaturi oħra. Din il-kwistjoni qajmet tħassib fin-**Netherlands**, fejn il-prosumaturi u l-kooperattivi huma mifruxa (ara l-paragrafi **77–86**).

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna


L-objettiv tal-UE jistabbilixxi ambizzjoni, iżda l-objettiv innifsu mhux imfassal sew, ma għandux appoġġ u monitoraġġ, u x'aktarx ma jintlaħaqx

Id-definizzjonijiet tal-UE għall-komunitajiet tal-enerġija jwasslu għal konfużjoni u użu inkonsistenti f'nofs il-pajjiżi li awditjajna

- 17** L-UE għandha żewġ definizzjonijiet legali ta' komunitajiet tal-enerġija: **komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli** taħt ir-RED II u **komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin** taħt l-IMED. Dawn id-definizzjonijiet jiddeskrivu fil-qosor ir-rekwiżiti minimi meħtieġa sabiex il-komunitajiet tal-enerġija żgur ikunu: immexxija miċ-ċittadini, inklużivi, u primarjament iffukati fuq objettivi ambjentali u soċjali aktar milli fuq il-profit. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw kunċetti ta' komunitajiet tal-enerġija li huma allinjati ma' dawn id-definizzjonijiet tal-UE. Eżaminajna jekk id-definizzjonijiet tal-UE tal-komunitajiet tal-enerġija humiex ċari u jekk intużawx kif suppost fil-livell nazzjonali.

18 Sibna li d-definizzjonijiet legali tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u taċ-ċittadin fil-livell tal-UE mhumiex ċari: f’xi aspetti huma differenti, iżda jikkoinċidu wkoll. Pereżempju, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jiġġeneraw biss enerġija rinnovabbli, filwaqt li l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin jistgħu jipproduċu wkoll elettriku mhux rinnovabbli. Huma jikkoinċidu f’termini ta’ governanza u skop (ara l-**Figura 3**). Għalkemm il-Kummissjoni ħarġet gwida biex tiċċara d-definizzjonijiet ta’ komunitajiet tal-enerġija, l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati² ġibdu l-attenzjoni fuq l-ambigwiżà tagħhom u l-konfużjoni rizzultanti. Il-**Kaxxa 1** turi eżempji ta’ komunitajiet tal-enerġija.

Figura 3 | Komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli — distinzjonijiet ewlenin u prinċipji komuni



Sors: il-QEA, abbażi tar-Direttiva (UE) 2018/2001; id-Direttiva (UE) 2021/944.

² Ara, pereżempju, Q&A: What are ‘citizen’ and ‘renewable’ energy communities?, REScoop.eu, 2019; Citizens’ Energy Package: citizens’ engagement, energy communities and prosumerism, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2025, il-paragrafi 1.2 u 5.5.

Kaxxa 1

Eżempji ta' komunitajiet tal-enerġija

“La Buona Fonte” hija **komunità tal-enerġija rinnovabbli Taljana** li twaqqfet fl-2021. Hija installat impjant solari ta’ 19-il kW fuq skola abbandunata. Dan jġġenera 20 MWh fis-sena, li minnhom, terz jiġi kondiviż fost il-25 membru tagħha. Fl-2024, hija użat id-dħul tagħha ta’ EUR 1 500 għal proġetti soċjali, bħal għamara urbana u attivitajiet skolastiċi.



Il-kooperattiva tal-enerġija **Netherlandiża “Vrijstad Energie”** twaqqfet fl-2014, għandha 375 membru u timmaniġġja bjuet u parks solari (1.3 MW), u mtieħen tar-riħ (6 MW). Hija tipprovdi wkoll informazzjoni lill-pubbliku dwar l-enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija.



Kenn għall-karozzi mgħotti bil-pannelli li jġġenera elettriku rinnovabbli u li jiċċarġja l-karozzi elettriċi (© Amar Sjaww En Wa)




Membri tal-komunità quddiem l-imtieħen tar-riħ tagħhom

- 19** Sibna li żewġ Stati Membri mill-erbġħa li awditjajna jużaw kunċetti ta' komunitajiet tal-enerġija li mhumiex allinjati mad-definizzjonijiet tal-UE. F'Lulju 2025, in-**Netherlands** kellhom biss kooperattivi tal-enerġija: jġigifieri organizzazzjonijiet proprjetà taċ-ċittadini fejn il-membri jipproduċu, jużaw jew jinnegozjaw b'mod konġunt l-enerġija rinnovabbli, iżda mhux abbażi tal-qafas legali tal-UE. Huma **adottaw** definizzjoni unika tal-komunitajiet tal-enerġija, li tkopri kemm il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll dawk taċ-ċittadin, f'leġiżlazzjoni ġdida li ilha fis-seħħ mill-2026. Il-**Polonja ttrasponiet** id-definizzjonijiet kemm tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll tal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin taħt kunċett uniku — komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin — sabiex tevita li jkollha żewġ definizzjonijiet ta' komunitajiet tal-enerġija b'attivitajiet simili. Hija tuża wkoll żewġ kunċetti legali nazzjonali aktar antiki, **kooperattivi tal-enerġija** u **raggruppamenti tal-enerġija**, li huma simili għall-komunitajiet tal-enerġija iżda mhumiex ibbażati fuq il-qafas legali tal-UE. Minbarra dawn tuża wkoll strutturi organizzattivi li għandhom status legali speċifiku³ (“prosumaturi kollettivi”, “prosumaturi virtwali” u “prosumaturi kerrejja”).
- 20** F'dan ir-rapport, nużaw il-kelma “komunitajiet” għal raġunijiet ta' sempliċità. Dan biex nirreferu kollettivament għall-komunitajiet tal-enerġija fl-erba' Stati Membri li awditjajna, inklużi l-kooperattivi Netherlandiżi u l-kooperattivi u r-raggruppamenti Pollakki, billi dawn jissodisfaw għanijiet simili anke jekk ma jikkorrispondux mad-definizzjonijiet uffiċjali tal-UE.
- 21** Fil-gruppi fokali tagħna (ara l-**Anness I**), nofs il-parteċipanti sabu li d-definizzjonijiet nazzjonali tal-komunitajiet tal-enerġija ma kinux ċari (ara l-**Figura 4**).

³ Life Loop, ConnectHeat, Comanage, Tandems, *Enabling frameworks for energy communities: a state of play*, Energy Cities, 2025, p. 24.

Figura 4 | 50 % ta' dawk li wiegħbu jsibu li d-definizzjonijiet nazzjonali tal-komunitajiet tal-enerġija mhumiex ċari

Taħseb li d-definizzjonijiet nazzjonali tal-komunitajiet tal-enerġija huma ċari biżżejjed?



Sors: il-QEA, abbażi ta' gruppi fokali.

- 22** L-analiżi li wettaqna wriet ukoll li d-Direttivi tal-UE jippermettu li-ċittadini jużaw mudelli organizzattivi alternattivi biex iwettqu attivitajiet simili għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u taċ-ċittadin, bħall-awtokonsum kollettiv. Madankollu huma differenti minnhom fir-rekwiżiti tal-istabbiliment, fil-governanza, fl-iskop u fl-aċċess għall-benefiċċji tagħhom. Din il-varjetà toffri flessibilità iżda tista' tagħmilha wkoll diffiċli biex jintużaw il-komunitajiet tal-enerġija. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-binjiet ta' appartamenti, li fihom kienu jgħixu **48 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2023**, fejn ir-residenti diġà huma organizzati b'mod kollettiv (ara l-**Kaxxa 2**). Il-Kummissjoni ma ħarġitx gwida li tiċċara l-għażliet differenti li huma disponibbli għas-sidien tal-appartamenti — minn sempliċi awtokonsum kollettiv għal komunità tal-enerġija stabbilita bis-sħiħ — biex tappoġġa għażliet infurmati u parteċipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija. Il-Polonja u r-Rumanija ddikjaraw li gwida ta' dan it-tip tkun utli.

Kaxxa 2

Komunitajiet tal-enerġija f'binjiet b'aktar minn appartament wieħed

Binjiet b'aktar minn appartament wieħed [joffru superfiċji kbar għall-installazzjoni ta' pannelli solari](#). Ir-RED II tippermetti lis-sidien tal-appartamenti jaġixxu bħala “awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament”, fejn diversi konsumaturi li jinsabu “fl-istess blokk bini jew f'bini b'aktar minn appartament wieħed” jistgħu jorganizzaw lilhom infushom biex jiġġeneraw, jikkunsmaw, jaħżnu u jbigħu l-elettriku rinnovabbli awtoprodott minnhom. L-Istati Membri huma liberi li jippermettu arranġamenti ta' dan it-tip mingħajr il-ħtieġa li tinħoloq entità ġuridika. Fl-erba' Stati Membri li awditjajna, is-sidien tal-appartamenti jistgħu jorganizzaw lilhom infushom b'mod kollettiv biex:

- jinstallaw installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli;
- jikkondividu l-enerġija, jew billi jużaw l-enerġija ġġenerata għaż-żoni komuni biex inaqqsu l-kontijiet tar-residenti, jew billi jallokaw l-enerġija ġġenerata — jew il-benefiċċji ġġenerati mill-bejgħ tal-enerġija — lir-residenti;
- ibigħu l-enerġija ġġenerata.

L-istess konsumaturi jaf ikunu jixtiequ jagħmlu pass ieħor u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet oħra, jew jikkuntattjaw bini ieħor jew negozji żgħar billi joħolqu komunità tal-enerġija. Dan irid isir permezz ta' entità ġuridika. Skont il-Kummissjoni, biex jirreġistraw lilhom infushom bħala komunità tal-enerġija ma jistgħux jużaw l-assoċjazzjoni tas-sidien li diġà teżisti, li hija l-istruttura legali biex jaġixxu kollettivament u jimmaniġġjaw l-oqsma komuni. Dan minħabba li s-sħubija f'assoċjazzjonijiet ta' dan it-tip hija meħtieġa bil-liġi. B'kuntrast ma' dan, l-istabiliment ta' komunità tal-enerġija jeħtieġ sħubija volontarja u miftuħa. Minflok — kif inhu l-każ għas-sidien tad-djar — ikollhom joħolqu entità ġuridika separata u kompletament ġdida. Għas-sidien tal-appartamenti, il-ħtieġa li tinħoloq struttura amministrattiva oħra li tiżdied mal-ġestjoni eżistenti tal-bini jaf ma tkunx ċara u titqies bħala piż, u b'hekk tfixkel l-adozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija.


- 23** Diversi elementi jirriskjaw li jiskoraġġixxu l-involvement taċ-ċittadini: definizzjonijiet mhux ċari tal-UE tal-komunitajiet tal-enerġija, użu inkonsistenti ta' dawn il-kunċetti f'żewġ Stati Membri li awditjajna, u nuqqas ta' ċarezza rigward id-diversi mudelli organizzattivi disponibbli għaċ-ċittadini biex b'mod kollettiv jibnu installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, jaqsmu l-enerġija prodotta, jew ibigħu l-elettriku żejjed. Dawn jistgħu jdedmu wkoll il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija.

Il-kontribut mistenni mill-komunitajiet tal-enerġija għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ġie stmat b'mod eċċessiv

- 24** Fil-Valutazzjoni tal-Impatt tar-RED II fl-2016, il-Kummissjoni serrħet fuq studju li sar minn konsulent, CE Delft⁴ biex tiddikjara li, fl-UE, sal-2030, aktar minn 50 GW ta' enerġija eolika u aktar minn 50 GW ta' enerġija solari jistgħu jkunu proprjetà ta' komunitajiet tal-enerġija, jiġifieri 17 % u 21 % rispettivament tal-kapaċità installata. L-aspettattivi tal-Kummissjoni kienu bbażati fuq kunċett usa' tal-komunitajiet tal-enerġija, billi d-definizzjonijiet tal-UE fid-Direttivi kienu għadhom ma ġewx adottati. 9 snin wara, ivverifikajna jekk din l-istima kinitx realistika.
- 25** Il-**Figura 5** turi l-kapaċità ta' ġenerazzjoni solari u eolika tal-komunitajiet tal-enerġija fl-2024 fl-Istati Membri li awditjajna. Fil-**Polonja** u l-**Italja**, huma kkontribwew għal madwar 0.1 % tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni solari u 0.01 % tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni eolika f'Jannar 2025. Il-kontribuzzjoni tagħhom kienet oġġla fin-**Netherlands** — 1.5 % u 3.2 %. L-enerġija kkombinata ta' dawn il-komunitajiet tista' tiġġenera enerġija għal belt kbira fin-**Netherlands** u belt żgħira fil-**Polonja** jew fl-**Italja** Fir-**Rumanija**, l-unika komunità tal-enerġija li hemm ma tiġġenerax elettriku.

⁴ CE Delft, *The potential of energy citizens in the European Union*, Settembru 2016.


Figura 5 | Kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija għall-kapaċità tal-potenza rinnovabbli solari u eolika fl-Istati Membri awditjati (2024)



Sors: il-QEA, abbażi ta' data tal-Eurostat, l-Awtorità Regulatorja Nazzjonali u l-Ministeru għall-Klima u l-Ambjent fil-Polonja, il-Fondazzjoni Hier fin-Netherlands, Gestore dei Servizi Energetici (GSE) fl-Italja, u l-Ministeru għall-Enerġija fir-Rumanija.

26 FI-2024, CE Delft⁵ użat *data* mill-2023 biex **ħarġet erba' previżjonijiet** dwar il-potenzjal tal-kooperattivi tal-enerġija sal-2030 fin-**Netherlands**. Il-kooperattivi tal-enerġija Netherlandiżi issa huma żviluppatti sew, li jfisser li previżjoni hija aktar affidabbli milli fil-**valutazzjoni tal-impatt li wettqet il-Kummissjoni fl-2016**. L-analiżi li wettaqna (ara l-**Figura 6**) turi li l-kooperattivi tal-enerġija, fin-**Netherlands**, jistgħu jikkontribwixxu madwar **4.4 % tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni solari** u **4.3 % tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni eolika** fl-2030 — ferm inqas milli 21 % u s-17 % li ġew stmati fl-2016.

Figura 6 | Proporzjon tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li hija proprjetà tal-komunitajiet tal-enerġija fin-Netherlands



Nota: aġġustajna l-analiżi li għamlet CE Delft billi żidna l-kapaċità nazzjonali tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta (li ma kinitx inklużi fix-xogħol oriġinali tagħha) u assumejna li l-kooperattivi tal-enerġija ma setgħux ikunu sidien ta' assi ta' dan it-tip minħabba l-kostijiet tagħhom. Użajna wkoll l-aktar xenarju realistiku skont CE Delft.

Sors: analiżi tal-QEA, abbażi ta' *The potential of energy citizens in the European Union*, CE Delft, 2016; *Potential energy communities. Study into the potential of energy communities in the Netherlands*, CE Delft, 2024; *Electricity production capacities for renewables and wastes*, Eurostat, 2025; *Development Framework for Offshore Wind Energy* ikkummissjonat mill-Kunsill tal-Ministri Netherlandiż, 2022.

27 Fil-qosor, aħna nqisu li l-kontribut mistenni mill-komunitajiet tal-enerġija għall-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, kif previst fil-**Valutazzjoni tal-impatt tar-RED II 2016** kien ottimist iżżejjed.

⁵ CE Delft, *Potential energy communities. Study into the potential of energy communities in the Netherlands*, Ottubru 2024.

L-objettiv tal-UE jistabbilixxi ambizzjoni, iżda mhuwiex rilevanti, ma jistax jitkejjel u ma għandux approvazzjoni nazzjonali

- 28** Il-Kummissjoni inkludiet objettiv għall-komunitajiet tal-enerġija fl-[Strategġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari](#): “L-UE u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu mill-inqas komunità tal-enerġija waħda bbażata fuq sorsi rinnovabbli f’kull muniċipalità b’popolazzjoni akbar minn 10 000 sal-2025”. Hija spjegat li dan l-objettiv kien ir-riżultat ta’ proċess politiku kontinwu. Hija ħadet inkunsiderazzjoni l-fehmiet tal-Parlament Ewropew⁶ u d-[dokument ta’ pożizzjoni](#) minn REScoop.eu u Energy Cities⁷, it-tnejn miksuba meta ġew ikkonsultati l-partijiet ikkonċernati għall-Istrategġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari. Ma sibna l-ebda ġustifikazzjoni ta’ kif ġie ddeterminat l-objettiv tal-UE kif propost mill-Kummissjoni: la fl-istrategġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari, la fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2016, u lanqas fi kwalunkwe dokument pubbliku jew intern ieħor tal-Kummissjoni.
- 29** Ivalutajna jekk dan l-objettiv huwiex Speċifiku, li jista’ Jitkejjel u Jinkiseb, Rilevanti u Marbut mal-ħin (SMART). Insibu li l-objettiv tal-UE jistabbilixxi ambizzjoni, li turi li l-UE tappoġġa l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija. L-objettiv huwa wkoll **Speċifiku** (l-għadd ta’ komunitajiet tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli) u **Marbut mal-ħin** (sal-2025).
- 30** Madankollu, l-objettiv huwa **diffiċli biex jitkejjel**: it-terminu “komunitajiet tal-enerġija bbażati fuq sorsi rinnovabbli” li jintuża fl-objettiv mhuwiex allinjat mad-definizzjonijiet uffiċċjali tal-UE ta’ komunitajiet tal-enerġija (ara l-paragrafu [18](#)). Skont il-Kummissjoni, l-objettiv jinkludi l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, iżda wkoll dawk il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda gwida li tispeċifika x’jenħtieġ li jinkludi l-objettiv — pereżempju, jekk ikoprix definizzjonijiet nazzjonali differenti ta’ komunitajiet tal-enerġija, bħal kooperattivi tal-enerġija fin-**Netherlands** u fil-**Polonja** (ara l-paragrafu [19](#)) jew forom organizzattivi oħra ta’ awtokonsum kollektiv.

⁶ Il-Grupp Verts/ALE, [Letter to President Von der Leyen](#), 2022, pp. 2–3.

⁷ REScoop.EU and Energy Cities, [Position paper on Consultation on the EU solar strategy -common response](#), 2022.

31 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma analizzatx jekk dan l-objettiv setax **Jinkiseb**. Insibu wkoll li mhuwix **Rilevanti**, billi ma jindirizzax il-benefiċċji mistennija mill-komunitajiet (ara l-**Figura 2**). Pereżempju, la jikkwantifika l-għadd ta' ċittadini parteċipanti u lanqas ma jkejjel il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. L-inklużjoni u l-monitoraġġ taż-żewġ aspetti kieku jenfasizzaw aħjar il-kontribut taċ-ċittadini għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Dawn l-aspetti diġà ġew indirizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li l-Kummissjoni wettqet, u huma traċċati minn xi Stati Membri (ara l-**Kaxxa 3**). REScoop.eu⁸ indikat ukoll li s-sistema ta' monitoraġġ attwali ma tipprovdi għarfien biżżejjed dwar il-kontribut tal-komunitajiet tal-enerġija għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew għall-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Kaxxa 3

Eżempji ta' Stati Membri li jittraċċaw l-għadd ta' membri tal-komunità u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli

Fin-**Netherlands**, fondazzjoni kofinanzjata mill-gvern, bl-isem HIER, tittraċċa l-għadd ta' membri tal-komunità u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew tagħmel stimi (ċifra għas-sena ta' qabel, jew rata fissa baxxa).

Fl-**Italja**, l-aġenzija nazzjonali għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli (GSE) tittraċċa, għal kull komunità, il-kapaċità u t-tip ta' ġenerazzjoni, id-*data* personali tal-membri, kif ukoll *data* oħra bħall-kapaċità tal-ħżin.

Fil-**Polonja**, iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Agricoltura jittraċċa l-għadd ta' membri ta' kull komunità tal-enerġija u l-kapaċità u t-tip ta' ġenerazzjoni.

Sors: sit elettroniku tal-Hier; sit elettroniku tal-GSE; sit elettroniku taċ-Ċentru Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Agricoltura.

32 Ir-**Regolament dwar il-Governanza**⁹ jirrikjedi li fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima (NECPs) l-Istati Membri jinkludu, *“meta jkun applikabbli, [...] trajettorji u objettivi nazzjonali, inklużi daww [għal] komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli”*. Ivverifikajna jekk il-gvernijiet approvawx l-objettiv tal-UE billi rriflettewh fl-NECPs tagħhom.

⁸ REScoop.eu, [Response to the Commission's call for evidence on the Citizens Energy Package](#), Settembru 2025, p. 18.

⁹ Ir-**Regolament (UE) 2018/1999** dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, l-Anness 1.

33 Aħna sibna li l-gwida tal-Kummissjoni¹⁰ ħalliet l-għażla fakultattiva f'idejn il-komunitajiet tal-enerġija biex jinkludu objettivi fl-NEPS, b'konformità mal-formulazzjoni tar-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-**Italja** u l-**Polonja** biss irriflettew il-miri għall-komunitajiet tal-enerġija fil-pjanijiet tagħhom (ara l-**Kaxxa 4**), iżda dawn ma kinux allinjati bis-sħiħ mal-objettiv tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-NECPs ma indirizzawx in-nuqqas ta' objettivi tal-komunitajiet tal-enerġija fejn dawn kienu neqsin jew allinjati ħażin minħabba li, skont ir-**Regolament dwar il-Governanza**, l-objettivi nazzjonali mhumiex legalment meħtieġa.

Kaxxa 4

Miri għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Italja u fil-Polonja

Fl-NECP tagħha, l-**Italja** rreferiet għal miżura li tiswa EUR 2.2 biljun taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) immirata lejn l-awtokonsum kollettiv u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli f'muniċipalitajiet b'inqas minn 5 000 abitant. Dan bil-għan li jiġu żviluppjati mill-inqas 2 GW ta' kapaċità tal-enerġija rinnovabbli sal-2026. Madankollu, din il-miżura mhijiex allinjata mal-objettiv tal-UE li huwa stabbilit għal muniċipalitajiet ta' aktar minn 10 000 abitant, u ma tistipulax mira għall-għadd ta' komunitajiet. F'Lulju 2025, l-**Italja** **estendiet** il-mira tal-RRF għall-muniċipalitajietli għandhom sa 50 000 abitant.

Il-**Polonja** stmat li jista' jkollha 300 komunità tal-enerġija — terz tat-881 muniċipalità Pollakka b'aktar minn 10 000 abitant sal-2030 — u mhux sal-2025 bħal fl-objettiv tal-UE.

Sors: **NECP Taljan** finali u aġġornat, Ġunju 2024; abbozz ta' **NECP Pollakk** aġġornat, Marzu 2024 (l-NECP finali aġġornat ma ġiex ippubblikat).

34 B'mod ġenerali, sibna li l-Kummissjoni bbażat l-objettiv tal-UE għall-komunitajiet tal-enerġija fuq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, iżda ma sibna l-ebda ġustifikazzjoni ta' kif ġie ddeterminat dan l-objettiv. Għalkemm l-objettiv jistabbilixxi ambizzjoni u huwa speċifiku u marbut mal-ħin, huwa mhuwiex kompletament rilevanti, huwa diffiċli biex jitkejjel, u l-Kummissjoni ma analizzatx jekk setax jinkiseb. Barra minn hekk, il-pjanijiet tal-Istati Membri ma jirriflettux bis-sħiħ l-objettiv tal-UE fl-NECPs tagħhom, li jindika sjieda nazzjonali baxxa. Dawn il-limitazzjonijiet jirriskjaw li jimminaw l-effettività tal-politika tal-UE.

¹⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, **Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021 sal-2030**, 2022; Annotated Annex I template (parti I, Taqsima A) tar-Regolament dwar il-Governanza għat-tnejn tal-NECPs aġġornati.

Il-monitoraġġ mhuwiex komplut, u l-oġjettiv tal-UE għall-2025 x'aktarx li ma jintlaħaqx

- 35** Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx stabbiliet sistema ta' monitoraġġ, abbażi ta' *data* affidabbli u konsistenti, biex tittraċċa l-progress lejn l-oġjettiv tal-UE, b'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni¹¹ li "ssegwi l-progress fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva b'mod annwali". Ivverifikajna wkoll jekk hija rrapportatx dwar il-progress meta mqabbel ma' dan l-oġjettiv.
- 36** Sibna li, fl-2024, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq inventarju *ad hoc* tal-komunitajiet tal-enerġija li kien għe kkompilat minn kuntrattur. Dan biex tittraċċa l-għadd ta' komunitajiet tal-enerġija. Dan l-inventarju jinkludi komunitajiet mhux stabbiliti skont id-definizzjonijiet tal-UE, bħal madwar 700 kooperattiva tal-enerġija fin-**Netherlands** (ara l-paragrafu **19**), u kunċetti organizzattivi kollettivi ta' awtokonsum, pereżempju fil-**Polonja**. Lanqas ma jidentifika liema komunitajiet huma bbażati fuq sorsi rinnovabbli. Il-Kummissjoni hija konxja minn dawn l-iżvantaġġi, u qed tippjana li tikkoreġi l-inventarju permezz taċ-**Ċentru ta' Konsulenza għall-Enerġija għaċ-Ċittadini**, li huwa inizjattiva tal-programm LIFE li jipprovdi assistenza teknika liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati lokali bħall-komunitajiet tal-enerġija. Il-Kummissjoni ma qabblitx il-komunitajiet tal-enerġija mal-popolazzjoni tal-muniċipalitajiet fejn jinsabu sabiex timmonitorja l-progress meta mqabbel mal-oġjettiv tal-UE. Qed tippjana li tagħmel dan fl-2026, wara l-iskadenza stabbilita għall-oġjettiv. Sa Diċembru 2025, il-Kummissjoni ma kienet ippubblikat l-ebda rapport dwar il-progress lejn l-oġjettiv tal-UE.

¹¹ Kummissjoni Ewropea, L-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari, COM(2022) 221.


- 37** Sibna li l-ebda wieħed mill-Istati Membri li awditjajna ma jittraċċa l-progress nazzjonali lejn l-oġġettiv tal-UE billi jqabbel il-komunitajiet tal-enerġija mal-muniċipalitajiet. Il-**Polonja** u l-**Italja** jżommu reġistru, jivverifikaw li l-komunitajiet jissodisfaw ir-rekwiżiti legali nazzjonali, u jaġġornaw ir-reġistru tagħhom kull ġimgħa jew kull xahar. Fin-**Netherlands**, kull sena l-**HIER**¹² taġġorna inventarju tal-kooperattivi tal-enerġija billi tivverifika l-istatuti u l-istatus ta' attività tagħhom. Ir-**Rumanija** ma żżomm l-ebda sistema ta' reġistrazzjoni jew inventarju tal-komunitajiet. Barra minn hekk, la n-**Netherlands** u lanqas il-**Polonja** ma ħarġu gwida li tiċċara jekk il-kooperattivi mhux stabbiliti skont id-definizzjonijiet tal-UE għandhomx jiġu rreġistrati bl-istess mod (ara l-paragrafu **30**). Filwaqt li l-Kummissjoni pprovdiet xi gwida¹³ lill-Istati Membri dwar ir-reġistrazzjoni tal-komunitajiet, din il-gwida ma kinitx iffukata biżżejjed fuq l-elementi ewlenin li huma meħtieġa għall-monitoraġġ fil-livell tal-UE (jiġifieri jekk il-komunitajiet humiex ibbażati fuq sorsi rinnovabbli).
- 38** In-nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku bbażat fuq *data* affidabbli u konsistenti jxekkel il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE li: jivvalutaw il-progress lejn l-oġġettiv tal-UE, jieħdu azzjoni korrettiva jekk l-oġġettiv x'aktarx li ma jintlaħaqx, u jaġġustaw il-politiki kif meħtieġ.
- 39** Ivverifikajna jekk l-UE tinsabx fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġġettiv tagħha fil-bidu tal-2025. Ġbarna l-inventarju — li jkopri l-Istati Membri kollha — li ntbagħat lill-Kummissjoni f'Novembru 2024. Għalkemm għandu limitazzjonijiet (ara l-paragrafu **36**), inqis li huwa l-aħjar inventarju tal-komunitajiet li huwa disponibbli bħalissa. Aġġornajnieh b'ċifri li ġbarna mill-pajjiżi li awditjajna f'Marzu 2025. Fl-aħħar nett, immappjajna l-komunitajiet mal-muniċipalitajiet b'aktar minn 10 000 abitant sabiex nivvalutaw il-progress li sar lejn l-oġġettiv tal-UE.
- 40** Kif turi l-**Figura 7**, id-Danimarka, in-**Netherlands** u l-Irlanda għamlu progress tajjeb lejn l-oġġettiv tal-UE. Pajjiżi oħra kienu inqas avvanzati: pereżempju, fil-**Polonja**, l-**Italja** u r-**Rumanija** inqas minn 10 % tal-muniċipalitajiet b'aktar minn 10 000 abitant kellhom komunità tal-enerġija. Bħala medja, l-UE kienet laħqet madwar 27 % tal-oġġettiv tagħha.

¹² HIER, *Lokale Energie Monitor*, 2024.

¹³ Ara, pereżempju: il-Kummissjoni Ewropea, *A roadmap to developing a policy and legal framework that enables the development of energy communities*, pp. 40–44.

Figura 7 | Progress lejn l-objettiv tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari

Perċentwal ta' muniċipalitajiet ta' aktar minn 10 000 abitant b'mill-inqas komunità tal-enerġija waħda bbażata fuq sorsi rinnovabbli




* Il-bażi ta' data TANDEM ma kienet tinkludi l-ebda data ta' lokalizzazzjoni għall-komunitajiet tal-enerġija Awstrijaċi.

Sors: il-QEA, abbażi tal-inventarju TANDEM (Novembru 2024), aġġornat b'data mir-reġistri nazzjonali fin-Netherlands, fil-Polonja, fl-Italja u fir-Rumanija f'Marzu 2025, u l-bażi ta' data tal-Unitajiet Amministrattivi Lokali tal-Eurostat tal-2023 li turi l-popolazzjoni għal kull unità amministrattiva.

41 Madankollu, il-komunitajiet tal-enerġija żdiedu b'mod rapidu — b'80 % u 75 % rispettivament — fil-**Polonja** u fl-**Italja** matul Jannar–Ġunju 2025 (ara l-**Figura 8**). L-għadd ta' kooperattivi baqa' relattivament stabbli fin-**Netherlands** (688 fl-2023 u 702 fl-2024; id-*data* tal-2025 għadha mhijiex disponibbli) minħabba li kien diġà għoli, u ma nbidilx fir-**Rumanija** (komunità tal-enerġija waħda). Dan it-tkabbir dinamiku jipprovdi prospettiva pożittiva għall-iżvilupp ulterjuri tal-komunitajiet tal-enerġija. Għalkemm ma tistax tiġi stabbilita relazzjoni kawżali diretta, l-inċentivi finanzjarji fil-**Polonja** (bħal tnaqqis fit-tariffi tan-network) u l-miżuri fl-**Italja** (inklużi sussidji tal-RRF, regoli operazzjonali, gwida mtejba, reġistrazzjoni ssimplifikata, eliġibbiltà estiża, u oqsma usa' ta' kondiviżjoni tal-enerġija) x'aktarx li kkontribwew għat-tkabbir tal-komunitajiet tal-enerġija.

Figura 8 | Evoluzzjoni tal-għadd ta' komunitajiet tal-enerġija bejn Jannar u Ġunju 2025



* L-għadd ta' "konfigurazzjonijiet", jiġifieri gruppi ta' persuni li jikkondividu l-enerġija f'muniċipalitajiet differenti

Sors: il-QEA, abbażi tar-reġistri Pollakki u Taljani.

L-Istati Membri li awditjajna ma stabbilewx il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija

It-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE mhijiex kompluta

- 42** L-Istati Membri kienu meħtieġa jitrassponu l-IMED sal-31 ta' Diċembru 2020 u r-RED II sat-30 ta' Ġunju 2021. Il-Kummissjoni hija responsabbli mis-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE min naħa tal-Istati Membri u biex tiegħu azzjoni xierqa ħalli tinforza l-konformità. Aħna vverifikajna jekk il-gvernijiet kinux ittrasponew iż-żewġ direttivi fil-ħin, u jekk il-Kummissjoni kinitx indirizzat dewmien jew traspożizzjoni inadegwata.
- 43** Sibna li l-erba' Stati Membri li awditjajna ddikjaraw traspożizzjoni sħiħa tar-RED II u tal-IMED. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet tagħhom kienu jvarjaw minn 5 xhur sa kważi 4 snin wara l-iskadenzi tat-traspożizzjoni. Skont il-verifiki tat-traspożizzjoni tal-Kummissjoni, mill-erba' Stati Membri li awditjajna, l-**Italja** biss kienet uriet li wettqet it-traspożizzjoni tal-artikoli kollha taż-żewġ direttivi dwar il-komunitajiet tal-enerġija f'Lulju 2025. Il-**Polonja** u r-**Rumanija** wrew li kienu adottaw id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa tal-IMED, iżda mhux tar-RED II.
- 44** Il-Kummissjoni tat segwitu għan-nuqqas ta' traspożizzjoni billi ħarġet ittri ta' intimazzjoni u opinjonijiet motivati. Madankollu, f'Ġunju 2025, il-Kummissjoni ma kienet irreferiet l-ebda wieħed mill-erba' każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni li kien għad fadal (in-nuqqas ta' traspożizzjoni tar-RED II għan-**Netherlands**, għall-**Polonja** u għar-**Rumanija** u n-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-IMED għan-**Netherlands**) lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.
- 45** Traspożizzjoni mhux kompluta jew ittardjata mhux biss idgħajjed l-intenzjoni leġiżlattiva tad-direttivi. Tintroduċi wkoll inċertezzi għall-partijiet ikkonċernati li jfittxu li jipparteċipaw f'inizjattivi tal-komunità tal-enerġija jew li jnieduhom.

Nofs l-Istati Membri li awditjajna taw rendikont dwar il-valutazzjoni nazzjonali obligatorja tal-ostakli

- 46** Ir-RED II tirrikjedi li l-gvernijiet jenħtieġ li jivvalutaw kemm l-ostakli għall-iżvilupp kif ukoll il-potenzjal għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Dawn il-valutazzjonijiet jenħtieġ li jipprovdu għarfien dwar l-ostakli li jiffaċċjaw il-komunitajiet tal-enerġija fl-Ewropa, u jappoġġaw tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fil-livell nazzjonali. Ivverifikajna jekk l-Istati Membri li awditjajna tawx rendikont dwar il-valutazzjonijiet li wettqu, u analizzajna dawk li diġà jeżistu.
- 47** Il-Kummissjoni ġabret valutazzjonijiet mingħand 11-il Stat Membru (41 %). Madankollu, hija tqis li diversi minnhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-RED II: uħud huma ġenerali wisq (eż. il-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli b'mod ġenerali) jew imnaqqsa fl-ambitu (eż. valutazzjoni tal-ostakli iżda mhux tal-potenzjal). Il-Kummissjoni użat dawn ir-rapporti:
- għall-[barriers and drivers](#) report;
 - biex tagħżel is-suġġetti għal-laqgħa [Azzjoni Konċertata għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli IV](#).
- 48** Fin-**Netherlands**, il-Fondazzjoni *Hier* ippubblikat [valutazzjoni tal-ostakli](#)¹⁴ fl-2023 u l-2024. F'April 2024, l-awtoritajiet Netherlandiżi taw rendikont, f'[ittra lill-Parlament](#), dwar l-azzjonijiet ippjanati biex jiġu indirizzati dawn l-ostakli. Il-Ministeru **Pollakk** għall-Klima u l-Ambjent ippubblika l-[valutazzjoni](#) rikjesta fl-2024 (ara l-[Kaxxa 5](#)). Il-Ministeru **Taljan** għall-Ambjent u l-Enerġija ddikjara li kien ħadem fuq l-elementi ta' valutazzjoni ta' dan it-tip. Madankollu, la kien ħejja u lanqas ippubblika rapport formali. Iż-żewġ rapporti pprovdu mir-**Rumanija** jindirizzaw l-ostakli għad-dħul fis-suq biss għall-produzzjoni ġdida tal-elettriku rinnovabbli b'mod ġenerali, iżda ma jidentifikawx l-ostakli speċifiċi li jiffaċċjaw il-komunitajiet tal-enerġija. Barra minn hekk, ir-rapporti ma jivvalutawx il-potenzjal għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

¹⁴ HIER, [Knelpunteninventarisatie energiecoöperaties](#), 2024.

Kaxxa 5

Eżempji ta' ostakli elenkati mill-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent

- Il-**qafas legali** għall-komunitajiet tal-enerġija huwa frammentat bejn bosta atti leġiżlattivi, ma għandux interpretazzjoni ċara, jinbidel ta' spiss, u huwa kkaratterizzat minn formaliżmu eċċessiv. Dan joħloq inċertezza legali u jżid l-ispejjeż amministrattivi u ta' konformità.
- Il-kooperattivi tal-enerġija spiss jesperjenzaw dewmien jew rifjuti mingħand l-operaturi tal-grilja meta jfittxu li **jqabdu installazzjonijiet ġodda tal-enerġija rinnovabbli** minħabba l-kundizzjoni taż-żewġ tal-grilja lokali.
- L-**iskemi ta' appoġġ finanzjarju** huma meqjusa inadegwati, kumplessi żżejjed, u diffiċli biex jiġu aċċessati. Il-kooperattivi jbatu biex jiksbu self minħabba r-rekord finanzjarju limitat tagħhom u l-affidabbiltà kreditizja baxxa tagħhom.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *Analysis of Legal, Administrative and Organisational Barriers Hindering the Development of Energy Communities*, 2024, il-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent.

49 Għalhekk, sibna li nofs il-pajjiżi li awditjajna biss taw rendikont dwar il-valutazzjoni li wettqu fuq l-ostakli u l-potenzjal għall-komunitajiet tal-enerġija. Fin-nuqqas ta' dawn il-valutazzjonijiet, kemm l-azzjonijiet nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE jirriskjaw li jitilfu l-effettività, u dan inaqqas ir-ritmu tal-espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija.

Teżisti gwida, iżda spiss l-applikazzjoni tagħha mhijiex faċli mingħajr għajnuna esperta

50 Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida (eż. linji gwida, fora għall-iskambju ta' informazzjoni, u taħriġ) lill-Istati Membri dwar kif jgħinu fl-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jipprovdu gwida u għodod (eż. mudelli, taħriġ, servizzi ta' konsulenza, u informazzjoni online) sabiex iċ-ċittadini, in-negozji ż-żgħar u l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu joħolqu u joperaw faċilment komunitajiet tal-enerġija. Eżaminajna jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux ħarġu gwida ċara biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija.

- 51** Il-Kummissjoni Ewropea għenet lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-komunitajiet tal-enerġija billi organizzat eventi (ara eżempji fil-[Kaxxa 6](#)), u pprovdiet gwida permezz ta', pereżempju, ir-[Repożitorju tal-Komunitajiet tal-Enerġija](#):: ippublikat gwidi dwar [ostakli u xprunaturi](#), [punti uniċi ta' servizz](#), u [kondiviżjoni tal-enerġija](#). Il-Kummissjoni qed tippjana xi aġġornamenti fl-2026, inkluż rapport rivedut dwar l-ostakli fl-UE kollha u gwida ġdida taħt iċ-[Ċentru ta' Konsulenza dwar l-Enerġija għaċ-Ċittadini](#).

Kaxxa 6

Eżempji ta' avvenimenti tal-Kummissjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija

Il-[Forum annwali taċ-Ċittadini dwar l-Enerġija](#) jippermetti skambji tal-aħjar prattiki rigward kwistjonijiet tal-konsumatur, inklużi l-komunitajiet tal-enerġija.

Ikkofinanzjata taħt Orizzont 2020, u applikabbli mill-2021 sal-2026, id-[Direttiva IV dwar Azzjoni Konċertata għall-Enerġija Rinnovabbli](#)¹⁵ tippermetti lill-pajjiżi jiskambjaw esperjenzi dwar l-implimentazzjoni tar-RED II.

Il-Kummissjoni organizzat ukoll seminars *ad hoc* dwar, pereżempju, id-[dispożizzjonijiet tal-IMED](#) dwar il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin f'Mejju 2022 u dwar l-awtokonsum, il-konsumaturi attivi u l-komunitajiet tal-enerġija f'Mejju 2025.

- 52** Fl-erba' Stati Membri li żorna, l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġeneralment sodisfatti bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Madankollu, ikunu jilqgħu aktar skambji tal-aħjar prattiki u appoġġ imfassal apposta, pereżempju biex jabbozzaw leġiżlazzjoni sekondarja.

¹⁵ CA-RES IV, [Concerted Action on the Renewable Energy Directive](#), proġetti Orizzont 2020, il-perjodu 2021–2026.

- 53** Il-gvernijiet nazzjonali wkoll ipprovdeu gwida biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija. In-**Netherlands** jikkofinanzjaw żewġ organizzazzjonijiet, [Energie Samen](#) u [HIER](#), li jgħinu lill-komunitajiet tal-enerġija b'taħriġ, mudelli u servizzi amministrattivi mfassla apposta. Il-komunitajiet li ġew ikkonsultati permezz tal-gruppi fokali sabu li dan l-appoġġ huwa biżżejjed u adattat għall-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, iż-żewġ komunitajiet li żorna ltaqgħu ma' diffikultajiet biex jaraw li żgur ikun hemm appoġġ f'waqtu mingħand l-amministrazzjonijiet muniċipali, minħabba nuqqas ta' għarfien espert lokali. Il-problema ġiet [enfasizzata](#) wkoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fl-**Italja** u fil-**Polonja**¹⁶.
- 54** Fil-**Polonja**, diversi programmi kellhom l-għan li jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-komunitajiet (eż. l-iskemaselfa [għall-Enerġija għaż-Żoni Rurali](#), il-proġett [RENALDO](#), il-linji gwida [COMMENCE](#)). Dawn l-inizjattivi pproduċew manwali, għodod ta' kalkolu u materjal ta' taħriġ. Minkejja dawn l-isforzi, nofs il-komunitajiet li ġew ikkonsultati permezz tal-grupp fokali ma kellhomx appoġġ, jew sabu li l-gwida kienet kumplessa żżejjed. L-NGOs li ltaqjna magħhom ikkonfermaw li l-appoġġ huwa frammentat u mhuwiex aċċessibbli għal dawk li mhumie x esperti.
- 55** Fl-**Italja**, is-sit elettroniku tal-GSE¹⁷ jospita vidjos ta' spjegazzjoni, mudelli legali u għodod interattivi għar-reġistrazzjoni u l-operat tal-komunitajiet. L-awtoritajiet nazzjonali organizzaw ukoll eventi ta' sensibilizzazzjoni. Id-diskussjonijiet li kellna mal-komunitajiet tal-enerġija u ma' partijiet ikkonċernati oħra juru li l-komunitajiet qiesu li l-gwida kienet estensiva u strutturata tajjeb, iżda ħassew li biex jużawha spiss ikollhom bżonn interpretazzjoni professjonali. Għalkemm l-**Italja** kienet stabbiliet osservatorju nazzjonali fl-2023 biex ixxerred Prattiki tajbin, dan kien għadu ma tax riżultati saż-żmien meta wettaqna l-awditu.
- 56** Fir-**Rumanija**, l-Awtorità Regulatorja Nazzjonali (NRA) [għall-Enerġija](#)¹⁸ pprovdiet informazzjoni fuq talba, iżda l-ebda materjal iddedikat ma kien disponibbli għall-pubbliku f'April 2025. Fl-2025 beda jopera network ta' 42 punt uniku ta' servizz. Il-Ministeru tal-Enerġija ddikjara li ladarba tiġi adottata leġiżlazzjoni sekondarja, tiġi żviluppata gwida ulterjuri.

¹⁶ Life Loop, ConnectHeat, Comanage, Tandems, [Enabling frameworks for energy communities: a state of play](#), Energy Cities, 2025, pp. 21 u 24.

¹⁷ GSE, [Autoconsumo — elenco delle configurazioni](#).

¹⁸ L-Awtorità Regulatorja Nazzjonali għall-Enerġija (ANRE), [anre.ro — Autoritatea Națională de Reglementare în Domeniul Energiei](#).

57 B'mod ġenerali, il-gwida tal-Kummissjoni appoġġat b'mod effettiv lill-Istati Membri u liċ-ċittadini fl-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija. Fin-Netherlands — fejn 10 snin ilu kienu diġà jeżistu aktar minn 100 kooperattiva — l-assistenza nazzjonali hija strutturata tajjeb, prattika u aċċessata faċilment. B'kuntrast ma' dan, fil-Polonja, fl-Italja u fir-Rumanija, l-informazzjoni disponibbli hija aktar frammentata jew aktar diffiċli biex tintuża mingħajr appoġġ espert, u dan joħloq ostakli għall-komunitajiet emerġenti.

Għad hemm lakuni fl-involviment taċ-ċittadini u l-inklużjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli


58 Iż-żieda fil-parteċipazzjoni min-naħa taċ-ċittadini u t-twassil ta' benefiċċji għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli huma wieħed mill-għanijiet iddikjarati tal-Kummissjoni għall-komunitajiet tal-enerġija (ara l-**Figura 2**). F'konformità mar-RED II, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kellhom jaraw li l-komunitajiet żgur jinvolvu liċ-ċittadini. L-għoti ta' prijorità lill-persuni fiżiċi bħala membri tgħin biex il-pubbliku jkompli jaċċetta proġetti tal-enerġija rinnovabbli¹⁹. Ir-RED II tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jippermettu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jaċċessaw il-komunitajiet. Analizzajna jekk il-Kummissjoni kinitx ħarġet dispożizzjonijiet legali jew gwida biex tippromwovi l-involviment taċ-ċittadini u tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u jekk l-Istati Membri kinux stabbilew leġiżlazzjoni jew miżuri ta' appoġġ għal dan il-għan.

¹⁹ Eż. *Effects of trust and public participation on acceptability of renewable energy projects in the Netherlands and China*, ScienceDirect, 2019.

59 Il-proposta leġislattiva oriġinali tal-Kummissjoni²⁰ kienet tinkludi soll minimu għas-sħubija taċ-ċittadini f'komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, iżda dan ir-rekwiżit ma nżammx fid-direttiva finali. Il-gwida interpretattiva tal-Kummissjoni tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu definizzjonijiet nazzjonali aktar stretti — bħar-rekwiżit li minn tal-inqas 51 % tal-membri bi drittijiet tal-vot iridu jkunu persuni fiżiċi — iżda ma tobbligahomx. Id-direttiva tappoġġa l-involviment ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli billi titlob li dawn jingħataw l-opportunità li jingħaqdu ma' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll gwida²¹ lill-Istati Membri dwar l-involviment ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, iżda l-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom fl-erba' Stati Membri li awditjajna ma kinux jafu biha. Barra minn hekk, din il-gwida ma ġietx aġġornata fid-dawl ta' xogħol ta' riċerka reċenti ffinanzjat mill-UE²² u żviluppi fil-politika, pereżempju l-istabbiliment tal-Fond Soċjali għall-Klima tal-UE.

60 Madwar nofs il-komunitajiet tal-enerġija li ngħaqdu mal-gruppi fokali tagħna għandhom ċittadini bħala membri (ara l-**Figura 9**). 40 % joffru xi appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, inkluż aċċess mingħajr ħlas għall-enerġija solari, assistenza finanzjarja, jew pariri dwar l-iffrankar tal-enerġija (ara l-**Figura 10**)

Figura 9 | Madwar nofs il-komunitajiet tal-enerġija li ġew ikkonsultati għandhom ċittadini bħala membri



Sors: il-QEA, abbażi ta' gruppi fokali.

²⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, COM(2016) 767, 2016.


²¹ Ara, pereżempju: il-Kummissjoni Ewropea, Commission Staff Working Document (SWD/2023/647): EU guidance on energy poverty, 2023.

²² Ara, pereżempju: Territorial Analysis of Decentralised Energy Markets, ESPON.

Figura 10 | 60 % tal-komunitajiet tal-enerġija li ġew ikkonsultati ma joffru l-ebda benefiċċju għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli

Liema benefiċċji (jekk hemm) toffri lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli?

Benefiċċji finanzjarji Benefiċċji mhux finanzjarji L-ebda benefiċċju Għadd ta' risposti mingħand parteċipanti fi gruppi fokali, wara konferma/korrezzjoni mill-QEA



Sors: il-QEA, abbażi ta' gruppi fokali u konferma/korrezzjoni tat-tweġibiet permezz ta' riċerka fuq l-internet.

- 61** In-Netherlands ma jirrikjedux li l-kooperattivi tal-enerġija jinkludu liċ-ċittadini jew li jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Madankollu, joffru inċentivi għall-inklużjoni taċ-ċittadini: l-Iskema ta' Sussidju għall-Ġenerazzjoni ta' Enerġija mill-Kooperattivi (ara l-paragrafu 78) tirrikjedi għadd minimu ta' parteċipanti għal kull proġett (wieħed għal kull 5 kW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni) u li l-parteeċipanti kollha għandu jkollhom drittijiet tal-vot ugwali. 83 % tal-komunitajiet Netherlandiżi li pparteċipaw fi gruppi fokali kellhom ċittadini bħala membri, u 60 % offrew benefiċċji lil unitajiet domestiċi vulnerabbli.
- 62** Il-Polonja ma tirrikjedix legalment il-preżenza ta' ċittadini f'kooperattivi tal-enerġija, raggruppamenti jew komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini. Fil-fatt il-biċċa l-kbira mill-komunitajiet tal-enerġija huma magħmula kompletament minn entitajiet legali. F'kampjun aleatorju ta' 20 kooperattiva (minn fost 94), 10 % biss kienu jinkludu ċittadini bħala membri. Ir-reġistru Pollakk li ġie ppubblikat f'Awwissu 2025 irrapporta li l-127 kooperattiva kellhom medja ta' 3–4 membri f'kull kooperattiva: dan l-għadd baxx juri l-predominanza tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali fuq iċ-ċittadini. Riċerka li saret fl-2024²³ indikat ukoll li l-involvement tar-residenti huwa żgħir wisq. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika relatata mal-involvement ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli. L-ebda komunità Pollakka li pparteċipat fil-gruppi fokali ma kellha membri ċittadini, u waħda minnhom biss offriet benefiċċji mhux finanzjarji lil unitajiet domestiċi vulnerabbli.

²³ D. Kostecka-Jurczyk, M. Struś, K. Marak, *The Role of Energy Cooperatives in Ensuring the Energy and Economic Security of Polish Municipalities*, 2024.

- 63** L-**Italja** ma tirrikjedix legalment il-preżenza taċ-ċittadini fil-komunitajiet tal-enerġija u ma tirrikjedix li dawn jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli. F'Mejju 2025, biex tinkoraġġixxi lill-individwi jipparteċipaw fil-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli, l-Italja estendiet l-eliġibbiltà għat-tariffa oġhla minn tas-suq, fuq l-enerġija kondiviża ġġenerata minn installazzjonijiet iffinanzjati mill-RRF, lill-individwi. Preċedentement, din l-eliġibbiltà kienet limitata għal entitatjiet pubbliċi u mingħajr skop ta' qligħ²⁴. Żewġ terzi tal-komunitajiet **Taljani** li kkonsultajna permezz tal-gruppi fokali tagħna kellhom ċittadini bħala membri, u nofs il-komunitajiet ipprovdew appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Identifikajna wkoll żewġ reġjuni fejn il-mekkaniżmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jinċentivaw l-inklużjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli: [wieħed jassenja](#)²⁵ punti addizzjonali lil proposti ta' proġetti li jindirizzaw l-inklużjoni soċjali, u [ieħor](#)²⁶ iżid il-valuri tal-għotjiet għal komunitajiet tal-enerġija li jinvolvu gruppi vulnerabbli.
- 64** 95 % tal-membri tal-unika komunità tal-enerġija **Rumena** huma ċittadini. Ma hemm l-ebda leġislazzjoni nazzjonali li tippromwovi l-inklużjoni taċ-ċittadini. F'Novembru 2025, ir-**Rumanija** ppromulgat [leġislazzjoni](#) li tippermetti lill-komunitajiet tal-enerġija joffru preżżijiet preferenzjali lill-konsumaturi vulnerabbli u foqra fl-enerġija²⁷.

²⁴ Decreto del Ministro dell'ambiente e della sicurezza energetica n° 127 tas-16 ta' Mejjju 2025, l-Artikolu 1(1)(f), ii.

²⁵ Regione Lombardia, *Bando RELOAD CER*, 2025.

²⁶ Regione Lazio, *Avviso pubblico CER — Allegato al Decreto G17990*, 2024.

²⁷ Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 59/2025 tas-7 ta' Novembru 2025.

- 65** Fil-**Polonja**, l-**Italja** u r-**Rumanija**, in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet jew inċentivi biex żgur ikun hemm parteċipazzjoni minimi miċ-ċittadini jżid ir-riskju li kumpaniji jew municiċipalitajiet jiffurmaw komunitajiet biss biex jaċċessaw il-benefiċċji mmirati. NGOs bħal [REScoop.eu](https://rescoop.eu)²⁸ u l-NRA Rumena²⁹ ġibdu l-attenzjoni għal dan ir-riskju. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) wissa³⁰ li qed *“isiru wisq investimenti mingħajr involviment lokali ġenwin jew valur kondiviż, u dan isaħħaħ mudell minn fuq għal isfel li jġib miegħu riskju ta' reżistenza tal-pubbliku”*. Huwa jagħti parir li s-sussidji tal-enerġija jintrabtu mal-parteeċipazzjoni tal-komunità, u li jiġi aċċertat li l-inkwilini u ċ-ċittadini vulnerabbli jiġu inklużi fil-komunitajiet tal-enerġija.
- 66** L-analiżi li wettaqna turi li ċ-ċittadini mhumiex rappreżentati kif suppost fil-komunitajiet **Pollakki** iżda huma rappreżentati tajjeb fil-komunitajiet tal-enerġija **Netherlandiżi**, **Taljani** u **Rumeni**, għalkemm skont il-leġiżlazzjoni l-preżenza tagħhom mhijiex obligatorja. Fir-rigward tal-appoġġ għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, ir-**Rumanija** biss stabbiliet leġiżlazzjoni ddedikata, u l-**Italja** tipprovdi inċentivi għal dan l-għan. Minkejja li l-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar l-involviment taċ-ċittadini, il-gwida dwar il-parteeċipazzjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli ma kinitx ġiet aġġornata u l-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom ma kinux jafu biha.

Il-komunitajiet tal-enerġija, bħala produtturi tal-enerġija rinnovabbli, jiffaċċaw dewmien twil biex jaqbd u mal-grilja

- 67** Għalkemm id-dritt tal-UE ma jistabbilix skadenzi speċifiċi biex il-komunitajiet tal-enerġija jaqbd u mal-grilja, ir-**RED II**, ir-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577** u d-**Direttiva (UE) 2023/2413 “RED III”** fihom dispożizzjonijiet biex jiġihaffu l-konnessjonijiet mal-grilja f'diversi kuntesti. Għalhekk stennejna li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni (DSOs) jipproċessaw it-talbiet tal-komunitajiet tal-enerġija għal konnessjoni mal-grilja malajr daqs dawk tal-produtturi oħra tal-enerġija rinnovabbli, sabiex jistabbilixxu u jaderixxu ma' perjodi prevedibbli għall-għoti ta' aċċess għall-grilja.

²⁸ REScoop.eu, *Energy communities: building bridges for energy democracy*, Meju 2024.

²⁹ L-ANRE u l-Kunsill Rumani għall-Kompetittività, *Ir-rapport finali dwar l-ostakli leġiżlattivi għal konnessjoni ta' kapaċitajiet ġodda tal-enerġija rinnovabbli mas-Sistema Nazzjonali tal-Elettriku*, 2023, p. 75.

³⁰ Pakkett tal-enerġija taċ-ċittadini: l-impenn taċ-ċittadini, il-komunitajiet tal-enerġija u l-prosumeriżmu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2025, il-paragrafu 4.6.

68 Il-kooperattivi tal-enerġija li ngħaqdu mal-gruppi fokali tagħna rreferew għal medja ta' ħin għall-konnessjoni ta' kważi sentejn (ara l-[Figura 11](#)).

Figura 11 | Il-ħinijiet ta' konnessjoni mal-grilja tal-komunitajiet tal-enerġija li ġew ikkonsultati jvarjaw ħafna bejn il-pajjiżi, u l-itwal dewmien rajnieh fin-Netherlands




Sors: il-QEA, abbażi ta' gruppi fokali.

69 Id-dritt **Netherlandiż** dwar l-enerġija jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bejn kategoriji ta' utenti meta jiġu pproċessati t-talbiet għall-konnessjoni mal-grilja. Għal konnessjonijiet ta' 50 kW jew inqas, l-aċċess irid jingħata fi żmien 84 jum jekk ma jkun meħtieġ l-ebda skavar; inkella 126 jum. Madankollu, mappa tal-konġestjoni tal-grilja li stabbilixxa d-DSO turi li fil-biċċa l-kbira mill-pajjiż (ara l-[Figura 12](#)), il-konġestjoni tal-grilja timpedixxi l-konnessjoni f'waqtha ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, inklużi dawk proposti mill-komunitajiet tal-enerġija. Il-[valutazzjoni Netherlandiża tal-ostakli fl-2024](#) tfakkar li l-*konnessjoni mal-grilja tal-elettriku għadha persistentement problematika*. Il-parteċipanti fil-grupp fokali tagħna kellhom bżonn medja ta' 1 000 jum (3 snin) biex jiġu konnessi. F'każijiet bħal dawn, id-DSOs iqiegħdu lill-applikanti fuq lista ta' stennija sakemm tissolva l-konġestjoni. DSO wieħed irrapporta li l-ħin medju ta' konnessjoni għal proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli żdied minn 210 għal 280 jum (+ 33 %) bejn l-2020 u l-2024. Fl-2024, [aktar minn 4 GW ta' kapaċità rinnovabbli](#) kienu qed jistennew li jiġu konnessi³¹ — bizzżejjed biex jipprovdu l-elettriku lil tliet miljun persuna.

³¹ ABN AMRO, [ESG Economist — Dutch grid delays cost up to EUR 376 million every year](#), Settembru 2024.

Figura 12 | Il-konġestjoni tal-grilja fin-Netherlands



Sors: Partners in Energie, *Capaciteitskaart — Totaal afname*, aċċessat f'Ġunju 2025. © Netbeheer Nederland, © powered by Esri Nederland, © MapTiler, © OpenStreetMap contributors.

- 70** Il-**Polonja** identifikat dewmien jew rifjuti mid-DSOs b'ħala ostaklu prinċipali għall-iżvilupp tal-kooperattivi (ara l-**Kaxxa 5**). Għalkemm japplika ħin ta' konnessjoni preferenzjali ta' 30 jum għall-kooperattivi tal-enerġija b'mikroinstallazzjonijiet (sa 50 kW), il-parteċipanti fil-grupp fokali tagħna kellhom b'żonn medja ta' 300 jum (10 xhur) biex jiġu konnessi.
- 71** L-**Italja** ma stabbiliet l-ebda proċedura jew prijorità speċifika għall-komunitajiet tal-enerġija. Madankollu l-operaturi tal-grilja jeħtiġilhom jagħtu prijorità lit-talbiet ta' konnessjoni ta' installazzjonijiet rinnovabbli u jipproċessawhom fi żmien skadenzi speċifiċi — pereżempju, fi żmien 10 ijiem għall-installazzjonijiet solari sa 200 kW. Madankollu, fl-2024, il-ħin medju ta' konnessjoni għal DSO kbir kien ta' 105 jum. Il-parteċipanti fil-grupp fokali tagħna għamlu referenza għal medja ta' 150 jum (5 xhur) biex jiġu konnessi mal-grilja.
- 72** Fir-**Rumanija**, ma hemm l-ebda proċedura speċifika għall-komunitajiet tal-enerġija. Għal kapaċitajiet ta' inqas minn 400 kW, id-DSOs għandhom 20 jum biex jikkollegaw prosumaturi ġodda jew prosumaturi li diġà jeżistu, meta ma jkun meħtieġ l-ebda xogħol addizzjonali. Inkella, għandhom ċans sa 62 jum.

- 73** Anke meta jkunu konnessi mal-grilja, il-komunitajiet tal-enerġija li ltqajna magħhom qalu li d-DSOs jistgħu jitfulhom il-konnessjoni meta l-ġenerazzjoni tal-elettriku taqbeż il-kapaċità tal-grilja. Pereżempju, fil-**Polonja**, tnaqqsu b’mod ġenerali 600 GWh ta’ elettriku rinnovabbli fl-ewwel nofs tal-2025³² — żieda ta’ 34 % mill-istess perjodu fl-2024. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija *stmat* li l-konġestjoni swiet EUR 4 biljun fl-UE fl-2023. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni *stma* li jaf jitnaqqsu bejn 111 u 310 TWh ta’ elettriku rinnovabbli tal-UE minħabba l-konġestjoni tal-grilja fl-2040.
- 74** Ir-riċerkaturi³³ jsostnu li billi jqarrbu l-ġenerazzjoni tal-enerġija lejn il-konsum, il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jgħinu biex tittaffa l-konġestjoni tal-grilja³⁴, titnaqqas il-ħtieġa li l-elettriku jiġi ttrasportat fuq distanzi twal³⁵, u b’hekk jitnaqqas it-telf tal-enerġija³⁶. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-awtokonsum jista’ jkun ta’ benefiċċju għall-grilja³⁷. Madankollu, biex jiġu massimizzati dawn il-benefiċċji, l-enerġija prodotta jenħtieġ li tiġi kkunsmata fi ħdan il-komunità f’ħin reali (jiġifieri kull sekonda, malli tiġi ġġenerata)³⁸. Normalment dan ma jkunx il-każ: ix-xejriet ta’ produzzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija (bħall-ġenerazzjoni solari li tilħaq il-quċċata tagħha f’nofsinhar u tieqaf billejl) ma jaqblux max-xejriet tipiċi tal-konsum (li jilħqu l-quċċata tagħhom kmieni filgħodu u kmieni filgħaxija).

³² A. Vassileva, *Poland adds 637 MW of solar capacity in Q1*, Renewables Now, Lulju 2025.

³³ P. Ponnaganti, N. Andreadou, A. Purvins u M. Masera. *Flexibility provisions through local energy communities: A review*, Next Energy, Vol. 1, Ħarġa 2, l-Artikolu 100022, 2023.

³⁴ *Trading in smart energy communities: the more the merrier?*, CWI, Frar 2024.

³⁵ S. E. Berggren, E. Olausson, K. Tews, P. D. Lund, M. B. Blarke *et al.*, *Energy Communities*, Nordic Energy Research, 2023.

³⁶ I. Diahovchenko u L. Petrichenko, *Assessment of energy losses in power distribution systems with individual prosumers and energy communities*, The Journal of Engineering, 2023.

³⁷ *In focus: Energy communities to transform the EU’s energy system*, il-Kummissjoni Ewropea, Diċembru 2022.

³⁸ Knirsch, F., Langthaler, O. u Engel, D., *Trust-less electricity consumption optimization in local energy communities*, Energy Informatics, 2019.

- 75** Id-DSOs li Itqajna magħhom fin-**Netherlands** u fil-**Polonja** ssottolinjaw li jkunu lesti li jikkonnettjaw assi ġodda tal-elettriku rinnovabbli mal-grilja aktar malajr li kieku l-ġenerazzjoni tal-enerġija tkun akkoppjata mar-rispons għad-domanda, mat-trasferiment tat-tagħbija jew mal-ħżin tal-enerġija, minħabba li dan ikun inaqqas il-konġestjoni tal-grilja. Ir-riċerka³⁹ u l-partijiet ikkonċernati⁴⁰ enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li l-iżvilupp tal-assi tal-elettriku rinnovabbli jiġi kkombinat ma' servizzi ta' flessibilità ta' dan it-tip, speċjalment il-ħżin, biex: il-provvista u d-domanda jiġu bbilanċjati kull sekonda, titnaqqas il-konġestjoni tal-grilja matul il-ħinijiet l-aktar intensivi, u jiżdied l-awtokonsum. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza tat-trasferiment tat-tagħbija⁴¹ u li l-bjut solari jiġu kkombinati mal-ħżin tal-enerġija⁴². Hija bdiet tiegħu azzjoni wkoll, pereżempju, bħala parti mir-[regoli riveduti tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli u l-proposta dwar l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi tal-2025](#) tagħha biex tappoġġa l-ħżin tal-elettriku, iżda mhux speċifikament għall-komunitajiet tal-enerġija. Fil-**Polonja**, sibna li r-raggruppamenti (iżda mhux il-kooperattivi jew il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini) huma mistennija jibbenefikaw minn tariffi mnaqqsa għall-installazzjoni tal-ħżin tal-enerġija ladarba l-Kummissjoni tadotta l-miżura rilevanti. Ma sibna l-ebda inċentiv ta' dan it-tip fl-Istati Membri l-oħra li awditjajna. In-**Netherlands** irrikonoxxew li *bħalissa, il-komunitajiet tal-enerġija ma għandhomx inċentivi finanzjarji konkreti biex iqabblu l-provvista mad-domanda u biex tiġi ottimizzata s-sistema, li potenzjalment jistgħu jaggravaw il-konġestjoni tal-grilja*⁴³.
- 76** B'mod ġenerali, ma sibna l-ebda evidenza ta' diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet tal-enerġija meta t-talbiet tagħhom għall-konnessjoni mal-grilja kienu qed jiġu pproċessati. Madankollu, id-dewmien u r-rifjuti għal konnessjonijiet mal-grilja minħabba l-konġestjoni tal-grilja jnaqqsu r-ritmu tal-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija fin-**Netherlands** u fil-**Polonja**. Skont ir-riċerka, id-DSOs u l-Kummissjoni, mod wieħed kif jiġu aċċellerati dawn il-konnessjonijiet huwa li l-komunitajiet tal-enerġija jipprovdu servizzi ta' flessibilità.

³⁹ P. Ponnaganti, N. Andreadou, A. Purvins u M. Masera, *Flexibility provisions through local energy communities: A review*, *Next Energy*, Vol. 1, Artikolu 100022, 2023.

⁴⁰ REScoop.eu, *Response to the Commission's call for evidence on the Citizens Energy Package*, Settembru 2025, p. 5 u pp. 32–34.

⁴¹ *In focus: Energy communities to transform the EU's energy system*, il-Kummissjoni Ewropea, Diċembru 2022.

⁴² il-Kummissjoni Ewropea, *L-enerġija solari għar-rienerġizzazzjoni tal-Ewropa*, 2022.

⁴³ Ittra mingħand il-Ministru għall-Klima u t-Tkabbir Ekoloġiku lill-President tal-Kamra tad-Deputati tal-Istati Ġenerali (il-Parlament), *The role of energy communities in the energy system*, Settembru 2025.

L-inċentivi finanzjarji għall-komunitajiet tal-enerġija jippermettu li jsiru rkupri tal-kost li huma allinjati mal-ambizzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari

- 77** In-nuqqas ta' finanzjament prevedibbli u aċċessibbli għe rikonoxxut bħala ostaklu ewlieni għall-komunitajiet tal-enerġija, b'mod partikolari matul l-istadji bikrija tal-iżvilupp tal-proġetti. Biex tindirizza dan, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari tiddikjara li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa ta' appoġġ sod għas-sistemi ta' fuq il-bjut — is-sors ta' enerġija tipiku għall-komunitajiet — abbażi ta' ħinijiet prevedibbli ta' rkupru tal-kostijiet li jkunu iqsar minn 10 snin. F'konformità mar-RED II u l-IMED, il-komunitajiet tal-enerġija jenħtieġ li jkunu suġġetti wkoll għal tariffi tan-network li jirriflettu l-kostijiet, li jfisser li jenħtieġ li ma jġarrbux tariffi għall-kostijiet li ma jikkawżawx, u lanqas li jirċievu eżenzjonijiet li jittgħu b'mod inġust il-piż finanzjarju fuq utenti oħra tan-network mingħajr aċċess għall-awtokonsum.
- 78** Analizzajna jekk l-inċentivi finanzjarji għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Istati Membri li awditjajna ppermettewx perjodi raġonevoli ta' rkupru tal-kost. It-**Tabella 1** tiġbor fil-qosor l-inċentivi finanzjarji għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Istati Membri li żorna.

Tabella 1 | Sommarju tal-inċentivi finanzjarji speċifiċi għall-komunitajiet tal-enerġija

Stat Membru	Eżenzjonijiet mit-tariffi tan-network	Skemi ta' appoġġ
In-Netherlands	Mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> Fondi rotanti għall-iżvilupp Primjum "feed-in" fuq l-enerġija ġġenerata
Il-Polonja	<ul style="list-style-type: none"> Kooperattivi: Eżenzjoni mit-tariffi għall-enerġija rinnovabbli, għall-kapaċità, il-koġenerazzjoni u d-distribuzzjoni Raggruppamenti: Eżenzjoni mit-tariffi tal-enerġija rinnovabbli u tal-koġenerazzjoni, tnaqqis fit-tariffa tas-servizz ta' distribuzzjoni Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadin: Mhux applikabbli 	<ul style="list-style-type: none"> Kooperattivi u raggruppamenti: Appoġġ mill-RRF għall-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli Kooperattivi: Qari nett tal-arloġġ tad-dawl Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadin: Mhux applikabbli
L-Italja	Il-komponent varjabbli tat-tariffa tat-trażmissjoni jiġi rimborżat għall-elettriku kondiviż fi ħdan il-komunità	<ul style="list-style-type: none"> Primjum "feed-in" fuq l-enerġija kondiviża Appoġġ mill-RRF għall-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli
Ir-Rumanija	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

Sors: il-QEA.

79 In-Netherlands ma joffrux eżenzjonijiet mit-tariffi tan-network, iżda hemm żewġ tipi ta' skemi ta' appoġġ speċifiċi għall-kooperattivi tal-enerġija:

- fond għall-iżvilupp rotanti li jipprovdi self lill-kooperattivi tal-enerġija għall-ispejjeż tal-bidu li jkollhom għal proġetti eoliċi u solari (ara l-*Kaxxa 7*);
- l-Iskema ta' Sussidju għall-Ġenerazzjoni ta' Enerġija mill-Kooperattivi, primjum "feed-in" ikkalkulat kull sena, bl-għan li l-installazzjonijiet tal-kooperattivi tal-enerġija jkunu profittabbli.

Kaxxa 7

Il-Fond għall-Iżvilupp tal-Ġenerazzjoni Rinnovabbli fin-Netherlands

Il-kooperattivi jistgħu japplikaw għal self mingħajr imgħax (EUR 10 000 sa EUR 300 000 skont il-fażi tal-proġett; sa 80 % tal-kostijiet tal-iżvilupp għall-proġetti eoliċi u solari), maħsuba għat-tmexxija tal-proġetti, għall-istudji tal-fattibbiltà, għall-applikazzjonijiet tal-permessi, u għal spejjeż preparatorji oħra. Il-kooperattiva nnifisha tikkontribwixxi 20 % fi flus kontanti jew sigħat volontarji.

Is-self huwa mingħajr riskju għall-kooperattivi: jekk proġett jiġi kkanċellat, is-self jiġi ċedut, iżda jekk jilħaq l-għeluq finanzjarju, il-kooperattiva tħallas lura s-self b'imposta, filwaqt li tiżgura l-awtosuffiċjenza tal-fond. Dan il-mekkaniżmu jsaħħaħ l-inizjattivi ta' kooperattivi lokali fi stadju bikri, meta l-proġetti jinvolvu l-akbar riskju.

Il-Kummissjoni⁴⁴, REScoop.eu⁴⁵, il-KESE⁴⁶ u NGOs⁴⁷ oħra jqisu dan il-Fond bħala prattika tajba. Skont REScoop.eu⁴⁸, kull EUR 1 ta' investiment pubbliku jattira EUR 40 ta' investiment privat.

Sors: il-QEA, abbażi ta' Energie Samen, *Voorwaarden Ontwikkelfonds Opwek voor aanvragers en projecten*, Ġunju 2024.

- 80** Analizzajna l-perjodi ta' rkupru tal-kost għal sitt proġetti li huma proprjetà ta' kooperattivi. Il-perjodu varja minn 6 snin sa 12-il sena, fil-biċċa l-kbira kif irrakkomandat mill-*Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari* għall-bjut solari (ara l-**Figura 13**). Il-varjazzjoni tirrifletti l-bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija u l-primjum “feed-in” ikkalkulat kull sena.

⁴⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, *Looking at energy communities through a local authority lens: perceptions, experiences and needs*, 2024. Il-Kummissjoni Ewropea, *A roadmap to developing a policy and legal framework that enables the development of energy communities*.


⁴⁵ REScoop.eu, *Leveraging European Public Funds to Support Energy Communities*.

⁴⁶ *Pakkett tal-Enerġija taċ-Ċittadini: l-impenn taċ-ċittadini, il-komunitajiet tal-enerġija u l-prosumeriżmu*, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2025, il-paragrafu 1.3.

⁴⁷ J. Arnould u D. Quiroz, Friends of the Earth, *Energy communities in the EU: Opportunities and barriers to financing*, Ottubru 2022.

⁴⁸ REScoop.eu, *Response to the Commission's call for evidence on the Citizens Energy Package*, Settembru 2025, p. 27.

Figura 13 | Il-perjodi ta' rkupru tal-kost jallinjaw mal-aspettattivi tal-Istrateġija dwar l-Enerġija Solari, iżda jvarjaw skont il-prezzijiet tal-enerġija u l-kalkolu tal-primjum “feed-in”



Sors: il-QEA, abbażi tar-rapporti finanzjarji tal-2023 u l-2024 ta' kooperattiva tal-enerġija.

81 Fil-Polonja, il-kooperattivi tal-enerġija jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mit-tariffi tan-network, jiġifieri mit-tariffi tal-enerġija rinnovabbli, tal-kapaċità, tal-koġenerazzjoni u tad-distribuzzjoni. Ir-raggruppamenti huma eżentati mit-tariffi tal-enerġija rinnovabbli u tal-koġenerazzjoni, u jistgħu jbaxxu t-tariffa tad-distribuzzjoni tagħhom (li xorta hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kumissjoni għall-għajjnuna mill-Istat). Barra minn hekk, kemm il-kooperattivi tal-enerġija kif ukoll ir-raggruppamenti jistgħu jirċievu appoġġ mill-RRF għall-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli (sa 91 % – 95 % tal-kostijiet) u l-kooperattivi jistgħu jibbenefikaw ukoll minn qari nett tal-arloġġ tad-dawl: għal kull kilowatt-siegħa mdaħħla fil-grilja, il-membri jistgħu jiġbdu 0.6 kWh mingħajr ħlas fuq bażi kontinwa ta' 12-il xahar. Skont ir-riċerka⁴⁹, il-kooperattivi tal-enerġija Pollakki teoretikament jistgħu, permezz ta' dawn il-mekkaniżmi, jiksbu perjodu ta' rkupru tal-kost ta' sentejn u nofs sa 3 snin — li hija konsistenti mal-analiżi li wettaqna kemm ta' kooperattiva kif ukoll ta' raggruppament li jippjanaw li jirkupraw l-investiment tagħhom fi żmien 3 snin. Il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini ma jibbenefikaw minn ebda eżenzjoni jew skema ta' appoġġ.

⁴⁹ J. Jasinski, M. Kozakiewicz, M. Sołtysik, *Analysis of the Economic Soundness and Viability of Migrating from Net Billing to Net Metering Using Energy Cooperatives*, Energies, vol. 17, nru 6, 2024.

82 FI-**Italja**, il-komunitajiet jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mit-tariffi tan-network, billi l-parti varjabbli tat-tariffa tat-trażmissjoni tiġi rimborżata għall-elettriku kondiviż fi ħdan il-komunità. Barra minn hekk, hija toffri żewġ inċentivi prinċipali għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli: primjum “feed-in” fuq l-enerġija kondiviża fi ħdan il-komunità (ikkalkulat fuq bażi ta’ kull siegħa), imħallas għal 20 sena għal madwar EUR 0.10 għal kull kWh, u għotja kapitali li tkopri sa 40 % tal-kostijiet ta’ investiment eliġibbli, ifffinanzjata permezz tal-RRF. Diversi studji tal-każijiet jindikaw perjodi ta’ rkupru tal-kost ta’ bejn 5 snin u 14-il sena (ara l-**Kaxxa 8**). L-awtoritajiet Taljani stmaw perjodi ta’ rkupru tal-kost ta’ bejn 11 u 13-il sena għal 5 proġetti teoretiċi biex jiġġustifikaw l-intensità tal-għajjnuna mill-Istat.

Kaxxa 8

Eżempji ta’ perjodi ta’ rkupru tal-kost għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli Taljani

Analiżi dwar il-fattibbiltà ekonomika ta’ komunità tal-enerġija rinnovabbli fil-muniċipalità ta’ Tirano (il-Lombardia), mgħammra b’impjant ta’ koġenerazzjoni tal-bijomassa, impjant mini-idro, u sistema fotovoltajka, sabiet perjodu ta’ rkupru tal-kost ta’ madwar 5 snin⁵⁰.

Studju dwar il-fattibbiltà ta’ komunità tal-enerġija rinnovabbli fil-Calabria bil-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija sab perjodu ta’ rkupru tal-kost li jvarja minn 6 sa 8 snin⁵¹.

Komunità tal-enerġija rinnovabbli b’2 MWp immexxija mill-muniċipalità ta’ Assisi (l-Umbria) ikkalkulat perjodu ta’ rkupru tal-kost ta’ madwar 8 snin sa 14-il sena⁵².

83 Ir-**Rumanija** ma toffrix eżenzjonijiet mit-tariffi tan-network, u l-komunitajiet tal-enerġija mhumiex eliġibbli għal xi skema jew sussidju. Il-partijiet ikkonċernati li ltqajna magħhom u [rapport reċenti ta’ NGO](#) dan enfasizzawh bħala sfida prinċipali.

⁵⁰ F. Ceglia, E. Marrasso, C. Roselli u M. Sasso, *Biomass-based renewable energy community: economic analysis of a real case study*, *Energies*, vol. 15, nru 15, 2022.

⁵¹ D. Cirone, R. Bruno, P. Bevilacqua, S. Perrella u N. Arcuri, *Techno-Economic Analysis of an Energy Community Based on PV and Electric Storage Systems in a Small Mountain Locality of South Italy: A Case Study*, *Sustainability*, vol. 14, nru 21, 2022.

⁵² E. Moretti, E. Stamponi, *The Renewable Energy Communities in Italy and the Role of Public Administrations: The Experience of the Municipality of Assisi between Challenges and Opportunities*, *Sustainability*, vol. 15, nru 15, 2023.

- 84** Fl-erba' pajjiżi li awditjajna, it-tariffi tan-network jitħallsu b'mod proporzjonali għall-elettriku kkunsmat minn fornituri tradizzjonali. Meta l-membri ta' komunità jikkunsmaw l-elettriku li jiġġeneraw, jew li huwa kondiviż ma' membri oħra fl-**Italja**, ma jħallsux it-tariffi tan-network kollha korrispondenti, u b'hekk inaqqsu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lejn il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-grilja. Madankollu, jibqgħu konnessi mal-grilja biex ikopru perjodi meta l-awtoġenerazzjoni ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx disponibbli — xejra komuni għat-tipi kollha ta' prosumaturi. Dan ifisser li, hekk kif il-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum jespandu, sehem akbar tal-kostijiet tan-network jiġġarrab mill-konsumaturi li mhumiex parti minn dawn il-komunitajiet u li ma għandhomx aċċess għal assi ta' ġenerazzjoni — tipikament unitajiet domestiċi inqas benestanti⁵³. L-ebda wieħed mill-Istati Membri li awditjajna ma vvaluta formalment kif it-tariffi mnaqqsu, l-awtokonsum u l-kondiviżjoni tal-enerġija jaffettwaw lil konsumaturi oħra.
- 85** Minħabba l-għadd kbir ta' prosumaturi u kooperattivi tal-enerġija fin-**Netherlands**, u l-introduzzjoni tal-kondiviżjoni tal-enerġija minn Jannar 2025, l-NRA Netherlandiża hija mħassba dwar dan ir-riskju. Soluzzjoni waħda tista' tkun li jitfasslu tariffi tan-network fissi — minflok proporzjonali — minħabba li jippermettu distribuzzjoni aktar ġusta tal-piż. Soluzzjoni possibbli oħra tista' tkun l-ipprezzar tal-ħin tal-Użu — struttura tat-tariffi dinamika fejn il-kost tal-elettriku jvarja skont il-ħin tal-ġurnata.
- 86** B'mod ġenerali, il-valutazzjoni li wettaqna tindika li l-appoġġ pubbliku fin-**Netherlands**, il-**Polonja** u l-**Italja** jippermetti perjodi ta' rkupru tal-kost b'konformità mal-aspettattivi tal-Kummissjoni. Fin-**Netherlands**, fond rotanti huwa mod effettiv kif jintużaw il-fondi pubbliċi. Dan jgħin lill-kooperattivi tal-enerġija jkopru l-kostijiet bil-quddiem tal-proġetti eoliċi u solari fl-istadji bikrija tal-iżvilupp, li huwa ostaklu komuni fir-**Rumanija**, madankollu, in-nuqqas ta' sussidji jimmina l-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija. Nikkonkludu wkoll li l-Istati Membri ma vvalutawx formalment kif it-tnaqqis fit-tariffi tan-network affettwa konsumaturi oħra.

⁵³ M. Van Steenberghe, A. D'hulster, J. Weytjens, M. Ovaere, u K. Schoors, [Tracking Demographic and Financial Trends in Renewable Energy Cooperative Membership in Belgium Using Survey and Bank Transaction Data](#), nru 1093 (2025); G. Koukoufikis, H. Schockaert, D. Paċi, F. Filippidou, A. Caramizaru *et al.*, [Energy Communities and Energy Poverty](#), JRC Science for Policy Report, EUR 31751 EN (il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023); l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, [Energy prosumers in Europe: Citizen participation in the energy transition](#), Rapport tal-EEA Nru 01/2022 (il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-11 ta' Frar 2026.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I — Dwar l-adwitu

Komunitajiet tal-enerġija

- 01** Il-komunitajiet tal-enerġija huma entitajiet legali li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, lin-negozji ż-żgħar u lill-awtoritajiet lokali biex jipproduċu, jimmaniġġjaw, jikkondividu u jikkunsmaw l-enerġija tagħhom stess. [Skont il-Kummissjoni](#), huma jistgħu jgħibu magħhom diversi benefiċċji:
- jikkontribwixxu għall-**mira għall-Enerġija Rinnovabbli tal-UE** billi jattiraw investimenti privati addizzjonali biex jinbnew assi deċentralizzati għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli;
 - iżidu l-**parteċipazzjoni taċ-ċittadini** — inklużi dawk li ma jistgħux jibnu l-assi tal-ġenerazzjoni ta' enerġija tagħhom stess (eż. inkwilini, familji b'introjtu baxx u residenti tal-appartamenti) — biex jixprunaw it-tranżizzjoni tal-enerġija lokalment. Dan jista' jiffaċilita l-**aċċettazzjoni mill-pubbliku** ta' proġetti lokali ta' enerġija rinnovabbli;
 - inaqqsu l-**faqar enerġetiku**, billi l-enerġija li tiġi prodotta tista' tinbiegħ lill-grilja jew tiġi kondiviża fost il-membri tal-komunitajiet, u b'hekk żgur ikun hemm prezzijiet tal-elettriku aktar stabbli u jitnaqqsu l-kontijiet għall-membri, inklużi l-**unitajiet domestiċi vulnerabbli**.

Finanzjament, rwoli u responsabbiltajiet

- 02** Bħala beneficijarji ta' miżuri tal-enerġija rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija huma eliġibbli għal diversi fondi tal-UE, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). B'mod partikolari, l-RRF tinkludi miżuri b'kost stmat ta' **EUR 5.2 biljun** li jappoġġaw speċifikament lill-komunitajiet tal-enerġija, direttament jew indirettament (eż. permezz ta' miżuri tal-enerġija rinnovabbli). Dawn għandhom jiġu żborżati sa Diċembru 2026. Il-komunitajiet tal-enerġija jistgħu jużaw dawn il-fondi biex jinstallaw pannelli solari jew jibnu mtieħen tar-riħ, pereżempju.
- 03** Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri huma miġbura fil-qosor fil-*Figura 1*.

Figura 1 | Rwoli u responsabbiltajiet




Sors: il-QEA.

Ambitu u approċ tal-awditjar

- 04** L-għan tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri **jinvolvux b'mod effettiv lill-komunitajiet tal-enerġija** biex jilħqu l-oġettiv tal-UE li huwa stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari u jwasslu l-benefiċċji mistennija tagħhom. Biex nagħmlu dan, eżaminajna jekk:
- il-Kummissjoni kinitx stabbiliet **oġettivi tal-UE SMART** approvati mill-Istati Membri, li jiġu mmonitorjati b'mod adegwat u li huma fit-triq it-tajba biex jintlaħqu;
 - il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux stabbilew il-**kundizzjonijiet it-tajba** ħalli l-komunitajiet tal-enerġija jirnexxu.
- 05** L-awditu kopra lill-Kummissjoni u erba' Stati Membri matul il-perjodu bejn Diċembru 2020 u Lulju 2025, li jsegwi l-iskadenzi għat-traspożizzjoni tad-direttivi rilevanti: id-[Direttiva \(UE\) 2019/944](#) dwar is-suq intern għall-elettriku u d-[Direttiva \(UE\) 2018/2001](#) dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Aħna ffukajna l-awditu fuq il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, li għaliha l-UE stabbiliet oġettiv politiku, aktar milli fuq servizzi oħra tal-enerġija (bħall-effiċjenza enerġetika). Il-[metodoloġija tal-awditjar](#) tagħna tikkonforma mal-istandards internazzjonali dwar l-awditjar maħruġa mill-[Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar \(INTOSAI\)](#).
- 06** Il-[Figura 2](#) turi kif ksibna l-evidenza għall-osservazzjonijiet tagħna. Permezz tal-gruppi fokali u ż-żjarat fuq il-post li wettaqna, aħna kkonsultajna 2 %, 20 %, 13 % u 100 % tal-komunitajiet fin-**Netherlands**, il-**Polonja**, l-**Italja** u r-**Rumanija**, rispettivament (ara t-[Tabella 1](#)). Il-Federazzjoni tal-UE tal-Komunitajiet tal-Enerġija u l-NGOs nazzjonali, li jirrappreżentaw il-komunitajiet tal-enerġija, ipprovdew input addizzjonali.

Figura 2 | Approċċ tal-awditjar



Sors: il-QEA.

Tabella 1 | Ir-rappreżentattività tal-gruppi fokali u ż-żjarat fuq il-post

Stat Membru	Għadd ta' komunitajiet tal-enerġija minn Jannar 2025	Parteċipanti fil-gruppi fokali	Komunitajiet li saritilhom żjara fuq il-post	Rappreżentattività tal-kampjun tal-QEA
In-Netherlands*	702	14	2	2 %
Il-Polonja	61	10	2	20 %
L-Italja**	121	12	4	13 %
Ir-Rumanija	1	0	1	100 %


* data tal-2024; data tal-2025 mhijiex disponibbli.

** Għadd ta' entitajiet ġuridiċi, mhux l-għadd ta' konfigurazzjonijiet.

Sors: il-QEA.

07 Għażilna erba' Stati Membri għall-awditu, abbażi tar-rappreżentattività tagħhom tas-sitwazzjoni tal-UE (ara l-[Figura 3](#)).

Figura 3 | Għaliex intgħażlu l-Istati Membri



Sors: il-QEA.

Anness II — Komunitajiet tal-enerġija li saritilhom żjara

Stat Membru	Isem	Għadd ta' membri	Infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli	Kapaċità ta' ġenerazzjoni (kWp)	Produzzjoni tal-enerġija 2024 (MWh)
In-Netherlands	Kennemer Kracht	315	Bjut solari	661	479
In-Netherlands	Vrijstad Energie/ Vrijstad Windwinning	375	Bjut u parks solari, imtieħen tar-riħ	7 351	11 001
II-Polonja	Słoneczna Żywieccyzna	10	Bjut solari, enerġija ġeotermali	20 000	23 284
II-Polonja	Klaster Energii Powiatu Bielskiego	12	Bjut solari	975	976
L-Italja	La Buona Fonte	25	Bjut solari	19	20
L-Italja	Comunità energetica rinnovabile Antrodoco	49	Bjut solari	60	0
L-Italja	Comunità energetica rinnovabile diocesi Treviso	340	Bjut solari	1 900	1 430
Ir-Rumanija	Cooperativa de Energie	949	Xejn f'April 2025	0	0

Anness III — Risposti tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni	Stat Membru	Risposta
Rakkomandazzjoni 4 Għoti ta' rendikont dwar il-valutazzjoni tal-ostakli għal komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-potenzjal biex dawn jiġu żviluppati Il-Ministeru Taljan għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija, u l-Ministeru Rumen għall-Enerġija jenħtieġ li jivvalutaw u jirrapportaw dwar l-ostakli li diġà jeżistu għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-potenzjal biex jiġu żviluppati. Data mmirata għall-implimentazzjoni: Lulju 2027	L-Italja	Aċċettati
	Ir-Rumanija	Aċċettati
Rakkomandazzjoni 5(b) Promozzjoni tar-rwol taċ-ċittadini u tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli Jenħtieġ li l-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent, il-Ministeru Taljan għall-Ambjent u s-Sigurtà tal-Enerġija, u l-Ministeru Rumen għall-Enerġija jfasslu dispożizzjonijiet biex jipromwovu r-rwol taċ-ċittadini fil-komunitajiet tal-enerġija. Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2026	Il-Polonja	Aċċettati
	L-Italja	Aċċettati
	Ir-Rumanija	Aċċettati
Rakkomandazzjoni 6(b) Appoġġ għall-ħżin tal-enerġija Il-Ministeru Netherlandiż għall-Klima u t-Tkabbir Ekoloġiku u l-Ministeru Pollakk għall-Klima u l-Ambjent jenħtieġ li: jipprovdu incettivi għall-komunitajiet tal-enerġija biex jiżviluppaw il-ħżin tal-enerġija (waħedhom jew flimkien mal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli) jew servizzi ta' flessibilità oħra sabiex jgħinu ħalli titnaqqas il-konġestjoni tal-grilja. Data mmirata għall-implimentazzjoni: Lulju 2027	In-Netherlands	Aċċettati
	Il-Polonja	Aċċettati

Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
DĠ CLIMA	Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (il-Kummissjoni Ewropea)
DĠ ENER	Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (il-Kummissjoni Ewropea)
DSO	Operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni
Eurostat	L-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea
HIER	Fondazzjoni Netherlandiża li tappoġġa l-kooperattivi tal-enerġija
IMED	Id-Direttiva dwar is-Suq Intern għall-Elettriku
KESE	Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
kW/kWh/kWp/MW/MWh/MWp/GW/TWh	Diversi unitajiet ta' potenza u tal-enerġija: kilowatt, kilowatt-siegħa, kilowatt-peak, megawatt, megawatt-siegħa, megawatt-peak, gigawatt, terawatt-siegħa
NECP	Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima
NRA	Awtorità Regulatorja Nazzjonali
RED II	Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli
RRF	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
SMART:	Speċifiku, li jista' jitkejjel u jinkiseb, rilevanti u marbut mal-ħin

Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
Awtorità regolatorja nazzjonali	Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, korp pubbliku indipendenti li: jissorvelja s-suq tal-elettriku ta' Stat Membru, jara li s-sistema tal-elettriku tiegħu żgur taħdem b' mod effiċjenti, jipproteġi l-interessi tal-konsumatur u jipprevieni d-diskriminazzjoni, u jimmonitorja l-konformità mar-regoli tal-UE dwar l-enerġija.
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali.
Faqar enerġetiku	Sitwazzjoni fejn dar ma jkollhiex aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija li huma meħtieġa għal standard tal-għajxien u tas-saħħa deċenti, minħabba introjtu insuffiċjenti, kostijiet għoljin tal-enerġija u/jew effiċjenza enerġetika fqira.
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali	Fond tal-UE li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti biex jonqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	Korp konsultattiv tal-UE, li jaġixxi bħala forum għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
Ittra ta' intimazzjoni	Komunikazzjoni bil-miktub mill-Kummissjoni lil Stat Membru tal-UE bħala l-ewwel stadju ta' proċedura ta' ksur.
Kondiviżjoni tal-enerġija	Allokazzjoni tal-elettriku ġġenerat f'komunità tal-enerġija fost il-membri tagħha.
Konġestjoni tal-grilja	Sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm biżżejjed kapacià biex tiġi ttrasferita l-enerġija kollha disponibbli minn punt wieħed fuq il-grilja għal ieħor.
LIFE	Strument finanzjarju li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika tal-UE permezz tal-kofinanzjament ta' proġetti fl-Istati Membri.
Operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni	Korp responsabbli għat-tħaddim, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-enerġija f'żona partikolari.
Opinjoni motivata	Talba formali lil Stat Membru biex jikkonforma mad-dritt tal-UE, mibgħuta mill-Kummissjoni bħala t-tieni parti ta' proċedura ta' ksur meta dak il-pajjiż jibqa' jkser l-obbligi tiegħu minkejja li jkun irċieva ittra ta' intimazzjoni.
Perjodu ta' rkupru tal-kost	Iż-żmien meħtieġ biex investiment iħallas lura l-kost inizjali tiegħu billi jiġġenera tfaddil jew dħul.
Pjan nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima	Dokument ta' 10 snin li jiddeskrivi l-politiki u l-miżuri ta' Stat Membru biex jilħaq l-oġġettivi klimatiċi tal-UE.
Primjum "feed-in"	Strument ta' politika li jħallas primjum lill-produtturi tal-elettriku kif ukoll il-prezz tas-suq.

Proċedura ta' ksur	Proċedura fejn il-Kummissjoni tiegħu azzjoni, f'diversi stadji, kontra Stat Membru tal-UE li jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-UE.
Prosumatur	Konsumatur tal-enerġija li jipproduċi wkoll l-enerġija tiegħu stess.
Punt uniku ta' servizz	Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, punt uniku ta' kuntatt għall-komunitajiet tal-enerġija biex jiksbu pariri u jittrattaw kwistjonijiet amministrattivi.
Rispons tad-domanda	L-aġġustament tal-konsum tal-elettriku mill-utenti finali (eż. billi jinħażen l-elettriku jew jiġi ttardjat il-konsum) b'rispons għas-sinjali tas-suq.
Servizzi ta' flessibilità	Miżuri li jgħinu biex tiġi evitata l-konġestjoni f'sistema tal-elettriku billi jinżamm bilanċ bejn il-provvista u d-domanda.
Traspożizzjoni	L-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva tal-UE fid-dritt nazzjonali.
Valutazzjoni tal-impatt	Analiżi tal-effetti probabbli (<i>ex ante</i>) jew reali (<i>ex post</i>) ta' inizzjattiva ta' politika jew ta' tip ieħor ta' azzjoni.
Verifika tat-traspożizzjoni	Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet ta' direttiva.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-10>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-10>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn João Leão, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Paula Betencourt, Kap tal-Kabinet u Sofia Batalha, Attaché tal-Kabinet; Florence Fornaroli, Maniġer Prinċipali; Olivier Prigent, Kap tal-Kompitu; Jaroslaw Smigiel, Michał Szwed, Ana Popescu, Bob De Blick, Olivia Saraco u Anna Kozlova, Awdituri. Ingrid Van Gent, Paola Magnanelli, Simona Marincean u Mark Smith ipprovdew appoġġ lingwistiku. Alexandra Damir-Binzaru pprovdiet appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Paula Betencourt, Olivia Saraco, João Leão, Michał Szwed, Florence Fornaroli, Anna Kozlova, Olivier Prigent.

DRITTIJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jjintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © NOVA — stock.adobe.com.

Kaxxa 1, l-ewwel ritratt zġħir: © Amar Sjaaw En Wa.

Figura 12 — mappa: © Netbeheer Nederland, © powered by Esri Nederland, © MapTiler, © OpenStreetMap contributors.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-7039-1	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/2995898	QJ-01-26-012-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-7040-7	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/3075114	QJ-01-26-012-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 10/2026](#) "Il-komunitajiet tal-enerġija: il-potenzjal għad irid jintlaħaq", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Huwa previst li ċ-ċittadini se jiġġeneraw nofs l-enerġija rinnovabbli li hija meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tal-UE għan-newtralità klimatika. Il-komunitajiet tal-enerġija huma entitajiet legali li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, lin-negozji ż-żgħar u lill-awtoritajiet lokali biex jipproduċu, jimmaniġġjaw, jikkondividu u jikkunsmaw l-enerġija tagħhom stess. Il-komunitajiet jistgħu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija, u biex tiżdied l-affordabbiltà u l-involviment taċ-ċittadini.

L-UE għadha laqgħet biss 27 % tal-oġjettiv tagħha li jkun hemm minn tal-inqas komunità tal-enerġija waħda għal kull municiġalità b'aktar minn 10 000 abitant sal-2025. Dan l-oġjettiv mhuwiex rilevanti, u ma għandux appoġġ u monitoraġġ. Id-definizzjonijiet tal-UE għadhom mhumiex ċari dwar il-parteċipazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tas-sidien ta' appartamenti. Barra minn hekk, il-gvernijiet ma ħolqux il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jagħtu appoġġ lill-komunitajiet tal-enerġija, bħal inċentivi għall-ħżin tal-elettriku biex tonqos il-priessjoni fuq il-konnessjonijiet mal-grilja. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors